# Madonna Ta' Pinu

Sena XXXIV Vol XIII Nru. 164 Jannar - Marzu 2013



## *Inżommukom f'qalbna u f'talbna*

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

# Madonna Ta' Pinu

Perjodiku ta' kull tliet xhur

**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Ivan Attard, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*

**Sena XXXIV Vol XIII Nru. 164**
**Jannar - Marzu 2013**



**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
*L-Editur, "Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187 Fax: 2156 2350*
*E-mail: tapinupublications@tapinu.org*



**Abbonament għas-sena 2013:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | **€ 6.00** |
| *Ewropa* | **€ 14.00** |
| *Barra mill-Ewropa* | **€ 18.00** |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |

**Tinsiex iġġedded l-Abbonament għas-sena 2013**





**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** Tislima lil Papa Emeritu Beneditttu XVI u lil Papa Franġisku

***Wara:*** Simposju Marjan 2013


***Ritratti***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Centro Aletti, Gerard Buhagiar, Daniel Cilia, Joseph Louis Mellaq, Joseph Xuereb.*

**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219



© Copyright Ta' Pinu Publications 2013
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


## F'din il-Ħarġa...


**1** Il-Kelma tar-Rettur *"Xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-Qaddejja tiegħu..."*

**3** Tislima bil-qalb lil Papa Beneditttu XVI

**4** Il-Ministeru Petrin ta' Beneditttu XVI

**7** Marija: Mudell u Gwida fil-Pellegrinaġġ tal-Fidi tagħna (3 parti)

**10** Ma ninsewx... Kliem il-Papa Beneditttu XVI

**12** Marija fil-Mużika

**15** Il-Kelma tal-Papa

**17** "Marija, min-naħa tagħha"

**19** Programm tal-Erbgħat fis-Santwarju Ta' Pinu

**20** Mid-Dinja Marjana

**24** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**30** *English Corner* The Pilgrim's Cross

**34** Ix-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu f'Sutton, l-Ingilterra

**35** Introdott servizz ġdid fis-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu

**36** L-Għanja tal-Qaddejja It-18-il parti

**38** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**39** Preżentazzjonijiet tat-Tfal

**40** Marko Ivan Rupnik


### *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*



**Inpoġġu taħt il-ħarsa materna tal-Verġni Marija lil Papa Franġisku fil-Ministeru tiegħu**




# "Xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu..." (Lq 1:48)

Qabelxejn nixtieq niskuża ruħi għad-dewmien ta' din il-ħarġa, għax naf li ħafna minnkom tkunu tistennewha. Din id-darba qed toħroġ tard għaliex xtaqna li fiha nsellmu lill-Papa Emeritu Benedittu XVI tas-servizz kbir li huwa ta lill-Knisja tul il-pontifikat tiegħu u fl-istess ħin nilqgħu b'ferħ l-aħbar tal-ħatra tal-Papa Franġisku.

Inħoss li dawn iż-żewġ persuni huma għodda magħżula f'idejn Alla biex permezz tagħhom aħna nistgħu nkomplu nikbru fil-ħajja tal-fidi tagħna. Ninsabu fis-Sena tal-Fidi mnedija mill-Papa Benedittu XVI, "sena ta' grazzja" kif sejħilha fl-Ittra Appostolika *Porta Fidei*; sena li fiha jistedinna biex nitfgħu ħarsitna fuq il-Verġni Marija, għaliex hija l-mara li mxiet il-mixja tal-Fidi wara l-Mulej fil-predikazzjoni tiegħu u baqgħet miegħu sal-Golgota. Bil-fidi, Marija daqet il-frott bnin tal-Qawmien ta' Ġesù, u filwaqt li kienet tgħożż kull ħaġa f'qalbha, għaddietha lit-Tnax li kienu magħha fiċ-Ċenaklu biex setgħu jirċievu l-Ispirtu s-Santu (ara *Porta Fidei*, 13).

Naħseb għadhom jidwu f'widnejna l-ewwel kelmiet tal-Papa Franġisku, kliem ta' stedina biex nimxu flimkien miegħu t-triq tal-fidi tagħna. Smajnieh jitlobna biex nitolbu għalih u rajnieh ukoll ibaxxi rasu biex fis-skiet nitolbu fuqu l-barka ta' Alla qabel ma huwa berikna. Rajnieh filgħodu kmieni jżur is-Santwarju ta' Santa Maria Maggiore f'Ruma u jitlob l-għajnuna tal-Verġni Marija. Nistaqsi: X'hemm komuni f'dawn iż-żewġ persuni? Nistqarr magħkom li f'waħda mill-aħħar udjenzi tal-Papa Benedittu laqatni kartellun li kienu jġorru xi żgħażagħ fi Pjazza San Pietru, kartellun li fuqu kien hemm miktub: *"La tua umiltà ti ha reso grande!"*, li jfisser: "L-umiltà tiegħek għamlitek kbir!". Dan



Pittura ta' Amedeo Brogli


*Pittura ta' Amedeo Brogli*

il-kliem mill-ewwel fakkarni fil-kliem tal-Verġni Marija fl-innu tal-*Magnificat*, meta tfaħħar lil Alla u tgħid: "Xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu". Naħseb li l-umiltà ta' dawn iż-żewġ rgħajja tal-Knisja tidher f'diversi aspetti tal-ħajja tagħhom u għalina hija stedina biex l-umiltà tkun pedament tal-ħajja tagħna.

Kos, hux, id-dinja tkejjel lill-bniedem minn kemm jaf, minn kemm huwa intelliġenti, minn kemm għandu flus u poter, waqt li Alla jagħżel liċ-ċkejknin! U hawnhekk forsi tajjeb nistaqsu xi tfisser tkun ċkejken quddiem Alla. Għaliex Alla jixħet il-ħarsa tiegħu fuq dawn il-persuni? Fl-Iskrittura Mqaddsa din il-kategorija ta' nies hija msejħa l-*"Anawim"*. Dawn huma dawk li:

- jagħmlu ħilithom biex kontinwament jgħixu fil-preżenza ta' Alla,
- kollhom ħeġġa u b'attenzjoni jisimgħu l-Kelma ta' Alla,
- jgħożżu f'qalbhom din il-Kelma ta' Alla biex fuqha jibnu ħajjithom,
- jafu li huma midinba, iżda kollhom indiema jitolbu maħfra ta' ħtijiethom,
- fil-mumenti iebsa tal-ħajja, fin-niket, jemmnu li Alla huwa qribhom,
- jemmnu tassew li Alla jħobbhom għaliex huwa Missierhom, kif isejħulu,
- għaliex huma wlied maħbuba ta' Alla, huma dejjem lesti biex jgħinu lil min hu fil-bżonn,
- f'qalbhom hemm il-paċi, għax fihom hemm Alla, u għalhekk jagħmlu minn ħajjithom innu ta' tifħir lil Alla.

Jeħtieġ li aħna wkoll nidħlu fl-i*skola ta' Marija* biex nitgħallmu mingħandha u nemmnu li dak kollu li l-Mulej għamel magħha huwa jagħmlu magħna wkoll, anki jekk b'mod differenti. Jekk nilbsu l-libsa tal-umiltà, ilkoll nistgħu nistqarru ma' Marija li l-Mulej xeħet ħarstu fuqna. Alla xeħet ħarstu fuqna biex issa kull wieħed minna jżomm ħarstu fuqU. Insemmi tliet ħwejjeġ li jgħinuna nintebħu bil-ħarsa ta' Alla u fl-istess ħin iżommuna b'ħarsitna fuqu:

- **SKIET:** Fis-skiet nintebaħ li Alla huwa qrib tiegħi. Ma ninsewx li l-ħwejjeġ kbar kollha seħħew fis-skiet. Is-skiet mhux żmien vojt jew żmien moħli, iżda huwa żmien mimli ħajja! Qawl Indjan: "Siġra waħda li taqa' tagħmel storbju aktar minn bosk siġar li jikbru fis-skiet". Fis-skiet ta' ġuf ta' omm jiġi maħluq kull bniedem! Fis-skiet, bħall-profeta Elija, kull bniedem jista' jiltaqa' ma' Alla.

- **TALB:** Fis-skiet nintebaħ b'Alla u allura fis-skiet nitgħallem nitlob. Fil-kamra ta' ġewwa nintebaħ bil-preżenza ta' Alla fija, u hekk is-skiet iwassalni biex niftaħ qalbi ma' Alla u nitkellem miegħu.

- **MĦABBA, Karità:** Il-frott tas-skiet u t-talb huwa l-*imħabba*! Meta nintebaħ b'Alla u nibda nitkellem miegħu, nasal biex inħobbu u nibda nitħabat biex ħajti kollha tkun att ta' Mħabba lejh, u dan fuq kollox jidher fl-imħabba tiegħi lejn ħuti! Għax tajjeb niftakru li dak li nagħmlu mal-iżgħar fost ħutna, inkunu qed nagħmluh miegħu.

Jalla din is-Sena tal-Fidi tkompli tkabbarna fil-fidi żgħira tagħna biex b'ħeġġa u bi mħabba nkomplu l-mixja tagħna wara Kristu s-Salvatur tagħna u b'qalb kbira naqduh bir-rispett kollu f'ħutna. ♦

# Tislima bil-Qalb lil Papa Benedittu XVI




**Ittra Ċirkulari 30/2013**
**tal-E. T. Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' Knejjes, Superjuri Reliġjużi, Persuni Kkonsagrati u Lajċi Nsara.

Għeżież,
Ftit jiem oħra jintemm il-Pontifikat tal-Papa Benedittu XVI. Tassew għandna għaliex inkunu grati lejn dan il-Papa li mexxa l-Knisja matul dawn l-aħħar tmien snin. Barra li kien għalina mudell ta' kif għandna nkunu dixxipli ta' Ġesù Kristu, kien ħajt sod li fuqu stajna nistrieħu. Imma fuq kollox, il-Knisja f'Għawdex tibqa' tiftakar lil Papa Benedittu XVI li fit-18 ta' April 2010 għamel ġest straordinarju u hu personalment ippreżenta warda tad-deheb lill-Madonna Ta' Pinu fuq il-Fosos tal-Furjana. Imbagħad, aħna rikonoxxenti wkoll lejn il-Papa għaliex għoġbu jsejjaħ fil-familja tiegħu lil wieħed mis-saċerdoti tagħna, Mons. Alfred Xuereb, li f'dawn l-aħħar sitt snin kien it-tieni segretarju tiegħu.

B'sinjal ta' mħabba ta' wlied lejn il-Missier Spiritwali tagħna, nagħmel sejħa lill-Għawdxin kollha biex fil-jiem li ġejjin ningħaqdu mal-Knisja Universali f'talba waħda biex, filwaqt li rroddu ħajr lil Alla għal dan ir-rigal li silifna fil-persuna tal-Papa, nitolbu għalih biex il-Mulej jgħinu jgħix b'serenità dawn il-mumenti ta' firda.

Peress li l-aħħar jum tal-Pontifikat tal-Papa Benedittu XVI huwa nhar il-Ħamis 28 ta' Frar, nipproponi illi proprju nhar il-Ħamis:

1) ikun jum ta' sawm bħala talba skont l-intenzjoni tal-Papa;
2) f'kull knisja issir quddies *Pro Pontefice*;
3) l-*Ora Santa* tkun għall-bżonnijiet tal-Papa;
4) il-familji joffru r-rużarju għalih;
5) tittella' l-bandiera tal-Papa fuq il-knejjes u fuq id-djar tan-nies;
6) fil-knejjes u postijiet pubbliċi tal-Knisja (skejjel, ċentri parrokkjali, eċċ) jitqiegħed ritratt tal-Papa;
7) f'nofsinhar tindaqq mota ta' kwarta;
8) filgħaxija l-knejjes jixegħlu l-fontispizju;
9) issir fjakkolata fuq il-postijiet tal-Knisja;
10) f'kull familja nixegħlu xemgħa fit-twieqi tad-djar tagħna.

Mill-Ġimgħa, l-1 ta' Marzu 2013, sakemm ikollna Papa ġdid, l-interċessjoni għall-Knisja fit-Talba Ewkaristika tingħad bil-mod indikat fis-sussidju mħejji mis-Segretarjat għal-Liturġija (paġna 10).

Meta mbagħad ikunu ser jibdew il-konklavi, fil-knejjes kollha tad-djoċesi, f'ħin l-aktar adatt għall-ġemgħa, titqaddes Quddiesa għall-Għażla tal-Papa. Il-bidu tal-konklavi jitħabbar mill-knejjes kollha billi fil-jum tal-ftuħ tindaqq mota ta' kwarta fit-tmienja ta' filgħodu.

Malli tasal l-aħbar tal-għażla tal-Papa, il-Knisja lokali tagħti din l-aħbar ta' ferħ bid-daqq ta' mota ta' kwarta.

Nitlob fuqkom ilkoll il-barka tas-Sema.

Mogħtija mill-Kurja tal-Isqof, ir-Rabat, Għawdex, il-Ġimgħa 22 ta' Frar 2013, festa tal-Kattedra ta' San Pietru. ♦

# Il-Ministeru Petrin ta' Benedittu XVI



**Omelija ta' Mons. Isqof Mario Grech**
**waqt il-Quddiesa ta' Talb**
**għall-Papa Benedittu XVI**
***Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu - 11 ta' Frar 2013***

## Benedittu XVI: tabib providenzjali

Il-Vanġelu (Mk 6, 53-56) li għadu kif tħabbrilna jgħidilna li kienu ħafna dawk il-morda li kienu jiġru wara Ġesù biex ifejjaqhom. Il-bniedem tal-lum ukoll huwa dgħajjef u marid fis-sens wiesa' tal-kelma, u jixtieq isib min jagħtih il-mediċina għall-fejqan. Ikkunsidrat li llejla ltqajna biex nitolbu lil Alla għall-ħtiġijiet tal-Papa Benedittu XVI, jien nara fih it-tabib providenzjali li f'dawn l-aħħar tmien snin Alla ta lill-Knisja u lid-dinja. Mhux ta' b'xejn li kull fejn kien ikun preżenti, folol kbar ta' nies jinġemgħu madwaru, jixtiequ li jkollhom dak il-kuntatt dirett miegħu, għax għandhom fidu'ja li huwa t-tabib li jfejjaq!

Matul dan il-pontifikat rajna lill-Missier tagħna l-Papa jeżerċita l-Ministeru Petrin tiegħu biex iwarrab ċertu mard mill-bniedem u mis-soċjetà; rajnieh ukoll ipoġġi l-balzmu fuq il-ġrieħi tal-bniedem miġruħ, biex jgħinu jerġa' jikseb is-saħħa tiegħu. Jekk nieqfu nirriflettu, aħna wkoll gawdejna, ibbenefikajna minn din il-qawwa li tfejjaq li Kristu l-Mulej, it-Tabib ewlieni, mar jafda f'idejn Pietru tal-lum.

## Vuċi favur id-dinjità tal-bniedem

X'tip ta' fejqan offrielna l-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu? Il-Papa kien vuċi li għenet biex il-bniedem jegħleb il-faqar materjali. Fit-tagħlim tiegħu hemm paġni sbieħ dwar dik li hija l-ġustizzja soċjali, li hija r-riga biex kemm jista' jkun mhux biss ma jiżdiedx il-faqar, imma jkun hemm tqassim ġust tal-ġid materjali. Il-Papa Benedittu għen lill-bniedem ifiq meta kien mirfus fid-drittijiet fundamentali tiegħu. Għandna għalfejn inkunu kburin għaliex il-Kap tal-Knisja tagħna huwa vuċi magħrufa minn ħafna ambjenti, anki li mhumiex Insara, li tħares u tiddefendi l-jeddijiet fundamentali tal-bniedem anki meta l-bniedem għadu ma twelidx, għax ikun għadu fil-ġuf.

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa fejjaq lis-soċjetà meta saħaq li għandu jkollna soċjetà iktar umana. Imma r-riċetta tiegħu ma kinitx xi filosofija jew xi ideoloġija politika, imma kienet il-Vanġelu ta' Kristu. Il-Papa Benedittu, f'ħinu u barra minn ħinu, xandar

lil Kristu bħala l-Feddej tal-bniedem, bħala l-mudell li fuqu għandha titfassal mhux biss il-ħajja tan-Nisrani, imma l-ħajja ta' kull bniedem.



## Pont bejn ir-raġuni u l-fidi

Kieku għamel daqshekk biss, diġà ta kontribut biex jgħib il-mard u biex jgħibu l-kawżi li joħolqu l-mard; imma għamel iktar minn hekk! Il Papa Benedittu fit-tagħlim tiegħu wera biċ-ċar kemm jemmen fir-raġuni, jiġifieri fil-fakultà li għandu l-bniedem biex jirraġuna. Hu kemm-il darba pprova joħloq pont bejn ir-raġuni u l-fidi. F'ċertu sens nistgħu ngħidu li l-Papa, li huwa bniedem reliġjuż, aktar jemmen fil-qawwa tar-raġuni mill-istess lajċisti, minn dawk li jiftaħru li r-raġuni hija kollox! Benedittu kemm-il darba pprova jgħin lill-bniedem naturali jħaddem b'mod korrett il-fakultà tar-raġuni biex biha jinfetaħ għal Alla; kemm-il darba wriena li l-bniedem bil-ħila anki naturali ma jistax jingħalaq fih innifsu, imma huwa miftuħ għal Alla. B'dan il-mod ngħid li huwa pprova jfejjaq din il-fakultà tar-raġuni tagħna l-bnedmin, li mhux fejqan taċ-ċajt!

## Il-bniedem tal-fidi

Imma l-Papa fejjaqna wkoll spiritwalment, kemm meta għenna nagħrfu x'inhu l-mard spiritwali, u kemm fl-għajnuniet u s-sustanza li tana bil-maġisteru tiegħu. Ħafna drabi xennaqna biex nikbru fl-intimità u l-għarfien tiegħu ta' Ġesù Kristu. U jekk il-Papa Benedittu huwa bniedem ta' kultura u li kapaċi jirrelata fuq livell ta' intelliġenza, aħna għandna wkoll Papa mimli bl-ispirtu ta' Alla. Huwa mexxilu jdewwaq lill-Knisja u lid-dinja l-ħlewwa tal-Ispirtu.



## Mexxej ta' ħila

Imma l-Vanġelu tal-lum jgħidilna wkoll li l-dixxipli kienu fuq id-dgħajsa. Propju fil-passaġġ ta' qabel dak li qrajna llum, San Mark jgħidilna li meta d-dixxipli kienu fuq id-dgħajsa, beda jqum ir-riħ u bdew jibżgħu; imma xħin ġie l-Mulej Ġesù u qagħad fuq it-tmun tad-dgħajsa, hemmhekk huma serrħu rashom. Aħna wkoll rekbin fuq id-dgħajsa ta' Pietru. Aħna wkoll ninsabu f'baħar miftuħ, xi drabi baħar selvaġġ b'mewġ għoli, u naħbtu nibdew naqtgħu qalbna għaliex nibżgħu li m'hemm ħadd fuq it-tmun. Imma f'dawn it-tmien snin li għaddew kellna tmunier tajjeb ħafna: kellna lil Benedittu, li għaraf jinnaviga u jmexxi d-dgħajsa minn imwieġ u maltempati mhux żgħar. Aħna konna fiż-żgur li, b'Benedittu fuq it-tmun, id-dgħajsa ħa tofroq l-imwieġ.

## Diqa u fiduċja

Imma issa b'dak li qalilna dalgħodu, meta tana l-aħbar li wasal iż-żmien ħalli jgħaddi t-tmun f'idejn ħaddieħor, nifhem li anki fikom, bħalma seħħ fija, kien hemm waqtiet ta' biża', ċerta diqa u ċertu niket, għax konna drajna b'Benedittu fuq it-tmun! Imma intom taħsbu li Sid id-dgħajsa ħa jħalliha mingħajr tmunier tajjeb? Ma tafux illi Dak li pprovdielna lil Ġwanni Pawlu II u lil Benedittu XVI, fi ftit ġimgħat oħra wkoll jaf jagħtina xi ħadd biex ikun fuq it-tmun tad-Dgħajsa ta' Pietru, jiġifieri Kap tal-Knisja, ħalli jkompli jmexxina fil-baħar tal-ħajja!

## Il-kobor fl-umiltà

Jiena naċċetta li hemm min, forsi, ma jifhimx din id-deċiżjoni – li jien niddeskrivi bħala deċiżjoni sofferta – li għamel il-Papa, ħaġa li mhux soltu ssir, imma li hu għamilha. Jista' jkun hemm min jiġih xi dubju u jgħid: "Imma kif ħalliena l-Papa? Kif telaqna?". Għalija, il-Papa Benedittu huwa għajn ta' ispirazzjoni kbira f'ħafna virtujiet: fl-umiltà tiegħu, fit-tjubija tiegħu, fil fermezza tiegħu, fiċ-ċarezza tal-ħsieb tiegħu... Imma anki f'din id-deċiżjoni li għamel, jien inkompli nispira ruħi minnu, għaliex jien konvint li għamilha frott l-imħabba kbira li għandu għal Kristu u għall-Knisja. Tant kemm iħobbna, ħass li issa li għandu l-età tiegħu u qed jonqsuh il-forzi tiegħu biex jista' jkompli jkun ta' servizz lill-Knisja fil-qadi tal-ministeru li għandu bħala Pietru, Vigarju ta' Kristu fuq l-art, illum huwa nfatam, iddistakka ruħu anki mill-awtorità tiegħu bħala Kap tal-Knisja universali. Dan għamlu mhux biex isalva ġildu jew għax hu marid serjament, imma għaliex ta' bniedem ta' Alla li hu, ta' bniedem għaref li hu, ħass li wasal il-mument li, biex jista' jitwettaq aħjar il-ministeru ta' Pietru, jgħid: "Wasal il-mument li l-Mulej jibgħat Papa ġdid ħalli jagħti servizz kif jixraq lill-Knisja".

Meta tkellimt ma' Mons. Alfred Xuereb, hu kkonfermali li llum il-Papa ma jistax ma jsifirx fuq vjaġġi apostoliċi, imma s-saħħa fiżika hi dik li hi! Il-Papa jaf li l-ministeru tiegħu ta' Papa jitlob li hu ma jibqax magħluq fil-Vatikan, għax marbuta ma' dan il-ministeru hemm id-dimensjoni missjunarja.

## Nitolbu għall-Knisja

Dan kollu qed ngħidu biex aħna nżidu l-apprezzament u l-imħabba tagħna lejn il Qdusija Tiegħu l Papa, u filwaqt li nkomplu nwieżnuh bit-talb tagħna, nitolbu wkoll lill-Ispirtu ta' Alla biex fil-ġimgħat li ġejjin jibgħatilna tabib u tmunier bħalma huwa Benedittu, biex aħna nibqgħu f'saħħitna u d-Dgħajsa ta' Pietru tasal fil-port tas-salvazzjoni. ♦







# ĠEDDED *l-Abbonament*

## fir-rivista għas-sena 2013

**Abbonament għas-sena 2013**

- Lokali: **€ 6.00**
- Ewropa: **€ 14.00**
- Barra mill-Ewropa: **€ 18.00**
- Sostenitur: **Offerta Libera**

*Ibgħat id-dettalji tiegħek flimkien mal-ħlas lill-Editur, Santwarju Madonna Ta' Pinu, Ta' Pinu, Għarb GRB 1704, Għawdex.*




# Marija: Mudell u Gwida fil-Pellegrinaġġ tal-Fidi tagħna

**(It-3 Parti)**

**minn Mons. Renato Borg**

## *"Wieqfa kienet imbikkija ħdejn is-Salib ta' Binha"*

Fil-mixja ta' kull wieħed u waħda minna, xi darba jew oħra, qamu diversi mistoqsijiet quddiem il-problema tat-tbatija. L-esperjenza tat-tbatija nistgħu ngħidu li hija waħda universali, għaliex mhemmx bniedem fid-dinja li m'għaddiex minnha. Propju minħabba n-natura limitata tiegħu li l-bniedem jagħmel esperjenza ta' diversi għamliet ta' tbatija. Mhemmx reliġjon li ma tipprovax b'xi mod jew ieħor tagħti tweġiba għall-problema tat-tbatija. Għalina l-Insara, li qegħdin fil-mixja tal-fidi, it-tweġiba għall-mistoqsija tat-tbatija mhix ibbażata sempliċement fuq ir-raġunament razzjonali jew fuq xi stqarrija tal-fidi. It-tweġiba għall-problema tat-tbatija għalina hija persuna ħajja, Ġesù Kristu, veru Alla u veru bniedem. Dan ma setax ikun mod ieħor ladarba t-tbatija ma kinitx fil-pjan oriġinali ta' Alla, iżda kien minħabba d-dnub li daħlu s-sofferenza u l-mewt. Ħadd minna l-bnedmin ma seta' jirbaħ it-tbatija u l-mewt bil-ħila tiegħu biss, u għalhekk ħtiġilna Salvatur, Ħellies li jilbes id-dgħufija u l-limiti tagħna l-bnedmin biex dawn jiġu mifdija, u hekk għall-bniedem iżernaq il-bidu ta' orizzont ġdid li jitfa' dawl fuq din ir-realtà umana hekk qrib tagħna u fl-istess ħin hekk iebsa. Fil-mixja tal-fidi tagħna, quddiem ċerti mumenti tat-tbatija, meta rajniehom fil-loġika tal-Qaddej Sofferenti, sibna sens u konna kapaċi bil-grazzja ta' Alla nibdluhom f'mumenti ta' laqgħa kbira ma' Alla. Imma ma nistgħux naħbu l-fatt li għal numru mdaqqas ta' Nsara t-tbatija tibqa' l-ġebla tax-xewka, jekk mhux ukoll il-ġebla li fiha waqgħu u ma rnexxilhomx iqumu minnha. Uħud minna nibqgħu magħluqa fina nfusna, nistaqsu: "Imma għaliex jien?".

Jekk Kristu huwa t-tweġiba għall-bniedem li qed ibati, għaliex huwa dak li bata, miet u qam minn bejn l-imwiet, allura żgur li Marija, id-dixxiplu fidil sal-aħħar, tista' mhux biss tgħinna bil-ħarsien tagħha, iżda wkoll tkun hi li takkumpanjana biex bħalha u magħha nibqgħu wieqfa ħdejn is-Salib ta' Binha, anki jekk imbikkija.

## Il-Kurċifiss jafda lil Marija f'idejna u aħna niġu fdati lilha

Waqt li Ġesù qiegħed imut, hu jdur lejn Ommu u lejn id-dixxiplu l-maħbub tiegħu (ara Ġw 19:25-27) u jsejħilha *mara* (v. 26). Nistgħu






ngħidu li b'din il-kelma *mara* Ġwanni kważi ried juri f'Marija l-poplu magħżul tal-ewwel Patt, miġbur fis-Sagrifiċċju tal-Għid. Maġenb l-Omm hemm id-dixxiplu l-maħbub (v. 26), simbolu ta' kull dixxiplu ieħor. Id-dixxiplu jilqa' għandu lil Omm Ġesù: "U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu". B'dan Ġwanni jrid juri li l-Omm tidħol b'mod mill-iktar profond fil-ħajja tad-dixxiplu; nistgħu ngħidu li kważi tagħmel parti mill-ħajja tiegħu bħala ġid li ma jistax jgħaddi mingħajru. Ir-relazzjoni li jwaqqaf il-Kurċifiss bejn l-Omm u d-dixxiplu għalhekk tidher li hija waħda ta' intensità kbira: il-*mara* hija figura ta' Iżrael il-qadim u d-dixxiplu figura tal-Knisja li temmen. Marija tagħmel parti mill-Knisja u mill-ħajja tal-fidi tad-dixxiplu bħala ġid prezzjuż, valur vitali. Fiha l-Knisja u kull wieħed li jemmen jistgħu jagħrfu l-Omm, fdata lilhom u huma fdati lilha. F'dan id-dawl, Ġwanni 19:25-27 jagħti xhieda tat-tifsir li l-Knisja sa mill-bidu tattribwixxi lill-Omm tal-Mulej għall-ħajja preżenti u futura tagħha, speċjalment f'li toqgħod taħt is-Salib tal-Messija, tħalli lilha nfisha tkun ħolqien ġdid mid-*demm* u mill-*ilma* li ħarġu mill-kustat minfud.

"Fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija – 'Agħmlu dan b'tifkira tiegħi' (Lq 22:19) – jerġa' jsir dak kollu li Kristu għamel fil-passjoni u l-mewt tiegħu. Għalhekk jerġa' jsir ukoll preżenti dak li *Ġesù għamel lil Ommu* għalina. Huwa taha lid-dixxiplu l-maħbub tiegħu, u permezz tiegħu taha lil kull wieħed u waħda minna: 'Hawn hu ibnek'. Hekk ukoll jgħid lil kull wieħed u waħda minna: 'Hawn hi ommok' (ara Ġw 19:26-27)" (Ġwanni Pawlu II, *Ecclesia De Eucharistia*, 57).

## Perseveranti fil-lejl tal-fidi li jwassal għall-ħajja bla tmiem

Filwaqt li l-Iben jinsab mejjet fil-qabar, l-Omm tħares bil-fidi, abbandunata f'idejn Alla fidil li jwettaq il-wegħdiet tiegħu. Dan jiġi kkontemplat matul it-Tridu tal-Għid, propju s-Sibt, il-jum qabel il-Qawmien ta' Ġesù, li fil-fatt jissejjaħ *Is-Sibt tal-Madonna.* Huwa użu antik liturġiku li nikkonsagraw is-Sibt għall-Verġni, bħala tifkira ta' dak is-*Sibt kbir* li fih Hi ġabret fiha l-fidi kollha tal-Knisja u tal-umanità, fl-istennija anzjuża tal-Qawmien. Is-Sibt Qaddis ta' Marija jkellimna b'mod elokwenti, pellegrini fis-Sibt il-kbir taż-żmien, li għad jiżbokka fil-Ħadd mingħajr inżul tax-xemx, Ġerusalemm tas-Sema, meta Alla jkun kollox f'kulħadd u d-dinja kollha tkun il-pajjiż ta' Alla. Dan isejjaħ lil kull Nisrani biex jgħix, bħalma għexet Marija, il-primat tal-imħabba u tal-fidi matul is-Sibt twil taż-żmien, li tiegħu s-Sibt Qaddis huwa figura u profezija, sakemm jiġi l-Ħadd mingħajr inżul tax-xemx, fejn Alla jixxotta kull demgħa tagħna, li fih Marija diġà daħlet, antiċipat id-destin ta' dawk li jemmnu fl-Iben tagħha, iħobbu u jittamaw bl-għajnuna tal-grazzja tiegħu.

## Marija u l-Ewkaristija: l-offerta tagħna

Il-Beatu Ġwanni Pawlu II fl-Ittra Enċiklika *Ecclesia De Eucharistia* tas-17 April 2003 (56-57), jgħid li "Marija, li għexet ħajjitha kollha maġenb Kristu u mhux biss fuq il-Kalvarju, uriet fiha nfisha t-tifsira tal-Ewkaristija bħala sagrifiċċju fil-wisa'

kollu tagħha". Fir-riflessjoni li jagħmel, josserva li fil-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju (ara Lq 2:22), kif ix-xwejjaħ Xmun ħabbrilha li Binha "kien se jkun sinjal li jmeruh" u li sejf kien se jinfdilha ruħha (ara Lq 2:34-35), kien qiegħed iħabbrilha l-ġrajja tat-tislib ta' Binha u b'xi mod uriena lill-Omm Verġni "wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù". Il-mumenti kollha ta' tbatija li ġarrbet il-Verġni Mbierka kienu ta' tħejjija għall-ġrajja tal-Kalvarju: "Marija qisha għexet l-Ewkaristija minn qabel, bħallikieku kienet tagħmel 'tqarbina spiritwali' tax-xewqa u tal-offerta li kienet se tilħaq il-quċċata tagħha bis-sehem li kienet tieħu fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika li l-Appostli kienu jippresiedu għaliha bħala 'tifkira' tal-Passjoni".

Kristu fl-Ewkaristija jitlob minna li nibqgħu dejjem nilqgħu mingħandu, kif għamel Ġwanni, id-don ta' Ommu. Dan ifisser li aħna għandna nsiru nixbhu lil Kristu billi mmorru fl-iskola ta' Marija u nħallu lilha tmexxina. "Marija, flimkien mal-Knisja u bħala Omm il-Knisja, hi dejjem magħna f'kull ċelebrazzjoni Ewkaristika tagħna. Bejn il-Knisja u l-Ewkaristija hemm rabta li ma tistax tinħall, u l-istess rabta hemm bejn Marija u l-Ewkaristija. Għalhekk ukoll issir it-tifkira ta' Marija fil-Quddiesa skond it-Tradizzjoni antika" (Ġwanni Pawlu II, *Ecclesia De Eucharistia*, 57).

## Il-pellegrinaġġ tal-fidi jrid ikun marbut mas-Salib ta' Ġesù

Il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni Dommatika *Lumen Gentium* jgħallimna li l-Verġni Marija baqgħet dejjem miexja 'l quddiem fil-pellegrinaġġ tal-fidi tagħha u ħarset fedelment l-għaqda ma' Binha sa fuq is-Salib, fejn, fid-dawl tal-pjan ta' Alla, hija baqgħet wieqfa (ara Ġw 19:25) tbati flimkien mal-Iben uniku tagħha u tgħaqqad il-qalb materna tagħha mas-sagrifiċċju tiegħu, filwaqt li bi mħabba kbira tikkonsenti l-offerta tal-vittma minnha maħluqa (ara 58). Mhux ta' b'xejn li nistgħu ngħidu li fil-Misteru tal-Għid ta' Binha ntlaħaq il-misteru tal-Verġni-Omm. Dan il-misteru beda f'Nazareth u maż-żmien beda dejjem jikber


mużajk ta' M. Rupnik

u jinfetaħ, sakemm wera lilu nnifsu kompletament u kkonsma ruħu quddiem is-Salib. Hemm ħdejn is-Salib, Marija saret l-Omm il-ġdida tal-ħajjin kollha. X'għandu jkun l-atteġġjament tagħna quddiem dan il-misteru ta' Marija f'riġlejn is-Salib ta' Binha?

Aħna, bħall-Appostli li kienu miġbura flimkien ma' Marija jitolbu fiċ-Ċenaklu, irridu nitfgħu ħarsitna fuq Marija, fuq Dik li mxiet qabilna l-mixja tal-fidi, kemm fiż-żmien u kemm fil-kwalità; Marija, li hija stess hija punt ċentrali fil-ħajja tal-fidi tal-Knisja (ara Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptoris Mater*, 26; Ermanno M. Toniolo, *La Vergine Maria Icona della Spiritualità dell'Oriente. Lezioni introduttive alla Mariologia Orientale*, Roma 2004).

Fid-dramm tal-Kalvarju, il-fidi ta' Marija tibqa' bla mittiefsa. Hija kienet kapaċi tibqa' bilwieqfa, għaliex baqgħet soda fil-fidi. Fil-prova, Marija baqgħet temmen li Ġesù huwa l-Iben ta' Alla u li bis-sagrifiċċju tiegħu kien sejjer jittrasforma d-destin tal-umanità. Għall-fidi tad-dixxipli, dan id-dramm kien wieħed li ħawwadhom. Permezz tal-fidi, l-Omm tissieħeb fil-mewt ta' Binha, fil-mewt li biha fdiena; iżda b'kuntrast mal-fidi tad-dixxipli li ħarbu, il-fidi ta' Marija kienet iktar imdawla. Fuq il-Golgota, Ġesù permezz tas-Salib wera darba għal dejjem li hu kien sinjal li jmeruh, "is-sinjal li jmeruh" imħabbar minn Xmun. Fl-istess waqt, fuq il-Golgota seħħ ukoll il-kliem li Xmun kien qal lil Marija: "Int ukoll sejf jinfidlek ruħek".

Il-konferma definittiva tal-fidi ta' Marija kienet il-Qawmien. Iktar minn f'kull persuna oħra, il-fidi fi Kristu Rxoxt assumiet f'qalbha, b'mod iktar awtentiku u sħiħ, il-wiċċ tal-fidi, li huwa l-wiċċ tal-ferħ. ♦



# MA NINSEWX...

## dak li qalilna l-Papa Benedittu XVI dwar il-Madonna Ta' Pinu meta kien fostna

"Nafu tajjeb li s-**Santwarju Ta' Pinu huwa prominent fost it-tempji sagri tan-Nazzjon Malti...** Il-fidili li hemmhekk imorru ta' sikwit biex jagħtu qima lil din l-Omm tas-Sema **ma tonqoshomx l-għajnuna tagħha**. Żgur li **Hi bil-ħarsien tagħha ta' Omm tiggwida lill-Insara, u tassew bħal kewkba turi t-triq fil-baħar tal-istorja, li mhux darba jiddallam u jitqalleb b'tempesti kbar...**

Għalhekk, waqt li ġejjin Malta, ma rridux nonqsu li **naraw li din ix-xbieha sagra** u mhux inqas it-tempju **jingħataw ġieħ akbar kif jixirqilhom**...

Aħna, bl-**akbar imħabba ta' qalbna, qed nagħtu bħala rigal Warda tad-Deheb**, bis-saħħa ta' din l-ittra Tagħna, li nixtiequ nkabbru d-dinjità ta' dan is-Santwarju..."

*(siltiet mill-Bolla **Ad futuram rei memoriam**, mogħtija fis-19 ta' Marzu 2010)*



"Jiena nistenna b'ħerqa li nitlob magħkom kemm indum Malta u nixtieq niżgurakom, bħala missier u bħala ħukom, mill-imħabba tiegħi lejkom u mill-ħerqa tiegħi li naqsaqm magħkom dan iż-żmien f'ambjent ta' fidi u ħbiberija. B'dawn il-ħsibijiet **jiena nafdakom ilkoll fil-ħarsien tal-Madonna Ta' Pinu u ta' Missierkom fil-fidi, l-Appostlu l-kbir San Pawl.**

Il-Mulej ibierek lill-poplu kollu ta' Malta u ta' Għawdex!"

*(silta mid-diskors tal-Papa fil-wasla fl-Ajruport ta' Malta, 17 ta' April 2010)*

"Jiena naf bid-devozzjoni partikolari tal-poplu Malti lejn Omm Alla, espressa b'fervur kbir lejn il-Madonna Ta' Pinu, u għalhekk **għandi pjaċir nieħu l-okkażjoni biex nitlob quddiem ix-xbieha tagħha** miġjuba hawn apposta minn Għawdex għal din l-okkażjoni. Jien nieħu wkoll **pjaċir nippreżenta Warda tad-Deheb lilha, bħala sinjal tal-imħabba filjali li naqsmu lejn Omm Alla.**

Nitlobkom b'mod partikolari li **titolbuha taħt it-titlu ta' Sultnan tal-Familja**, titlu miżjud mal-Litanija ta' Loretu mill-maħbub predeċessur tiegħi, il-Papa Ġwanni Pawlu II, li f'aktar minn okkażjoni waħda żar dawn ix-xtut."

*(silta mid-diskors tal-Papa qabel ir-reċita tar-Regina Coeli, 18 ta' April 2010)*





# Marija fil-Mużika (13)

minn Ivan Attard,
l-Organista tas-Santwarju Nazzjonali
tal-Madonna Ta' Pinu

## "Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu...

***Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu,***
***Omm qaddisa ta' Alla:***
***la twarrabx minn quddiemek***
***it-talb li nagħmlulek fi ħtiġijietna,***
***u eħlisna dejjem minn kull tiġrib,***
***o Verġni glorjuża u mbierka!***

Wara li fl-artikli riċenti tajna ħarsa lejn numru ta' kompożituri li kkomponew xogħlijiet mużikali bbażati fuq it-test tal-antifona liturġika *Ave Maria*, li hija t-tislima tal-Arkanġlu Gabrijel lill-Verġni Marija, f'dan l-artiklu ser nagħtu ħarsa lejn kompożizzjonijiet ibbażati fuq l-antifona Marjana ***Sub Tuum Præsidium***. Din l-antifona, li t-traduzzjoni tagħha għall-Malti qed tiġi riprodotta hawn fuq, insibuha fit-talba tal-Liturġija tas-Sigħat eżattament bħala waħda mill-antifoni Marjani li nsibu fit-Talba ta' Għeluq il-Jum.

Il-kliem ta' din l-antifona Marjana nsibuh għall-ewwel darba fil-liturġija ta' Żmien il-Milied tal-Knisja Ortodossa fis-seklu tlieta WK. It-test oriġinali huwa miktub bil-Grieg u jġib id-data 250 WK. Sal-lum il-ġurnata, dan l-innu għadu jintuża bħala antifona Marjana fil-Liturġija Biżantina, Ambrosjana u anki fir-Rit Ruman tal-Knisja Kattolika li aħna nagħmlu parti minnu. Għalkemm dan l-innu ġie tradott f'diversi lingwi moderni, l-aktar żewġ traduzzjonijiet użati madwar id-dinja huma dawk tal-Grieg u tal-Latin. Xi kompożituri li kitbu xogħlijiet mużikali bbażati fuq it-test ta' dan l-innu Marjan jinkludu lil Palestrina, Charpentier, Campra, Mozart u Perosi.



**Giovanni Pierluigi da Palestrina** (1525-1594) kien kompożitur ta' żmien ir-Rinaxximent magħruf l-aktar għall-ħila tiegħu biex jikkomponi xogħlijiet sagri. Palestrina, li diġà għamilna riferenza għal numru ta' xogħlijiet tiegħu fl-artikli preċedenti, kien popolari fi żmienu u r-reputazzjoni tiegħu baqgħet tikber wara mewtu. Numru ta' studenti li studjaw taħt il-gwida tiegħu, fosthom Giovanni Maria Nanino, Ruggiero Giovanelli, Arcangelo Crivelli, Teofilo Gargari, Francesco Soriano u Gregorio Allegri, illum għandhom numru ta' kompożizzjonijiet mill-aqwa. Il-mużika ta' Palestrina għadha tindaqq ħafna sal-lum il-ġurnata u x-xogħlijiet tiegħu joffru bażi

tajba lill-istudenti li jkunu jixtiequ japprofondixxu l-istudju mużikali tagħhom, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam ma' kontrapunt. Fost l-innijiet liturġiċi li kiteb hemm l-antifona *Sub Tuum Præsidium*, miktuba għal kor b'erba' vuċijiet (soprani, kontralti, tenuri u baxxi) *a cappella*, jiġifieri mingħajr l-akkumpanjament ta' strumenti mużikali.



**Marc-Antoine Charpentier** (1643-1704) kien kompożitur Franċiż tal-era Barokka. Eċċezzjonalment prolifiku u versatili, matul il-karriera mużikali tiegħu Charpentier ipproduċa kompożizzjonijiet tal-ogħla kwalità fid-diversi ġeneri tal-mużika. Il-bravura tiegħu fil-kompożizzjoni ta' mużika vokali sagra ġiet rikonoxxuta u mfaħħra mill-mużiċisti ta' żmienu. Huwa relatat ma' Gustave Charpentier, il-kompożitur Franċiż li għex fl-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin. Fost ix-xogħlijiet mużikali tiegħu nsibu l-antifona Marjana *Sub Tuum Præsidium* miktuba għal kor femminili bi tliet vuċijiet (SSA).

**Andrè Campra** (1660-1744) kien kompożitur u surmast Franċiż. Campra kien wieħed mill-kompożituri ewlenin tal-opra Fran'iża fil-perjodu bejn Jean-Baptiste Lully u Jean-Philippe Rameau. Huwa baqa' magħruf għall-mużika traġika li kiteb u kiseb popolarità kbira għall-fatt li rnexxielu joħloq ġeneru ġdid ta' mużika: l-*opera-ballet*. Huwa kiteb tliet kotba ta' *cantatas* u anki numru ta' xogħlijiet reliġjużi, fosthom *Requiem* mill-isbaħ. Fost



il-kompożizzjonijiet tiegħu nsibu numru ta' motetti sagri li ġew miktuba bejn l-1695 u l-1703 fuq l-istil Barokk. Wieħed minn dawn il-motetti sagri huwa propju l-innu Marjan *Sub Tuum Præsidium*, li jesprimi x-xewqa tal-bniedem li jistkenn taħt il-patroċinju matern tal-Verġni Marija.

**Wolfgang Amadeus Mozart** (1756-1791), li kien ċertament wieħed mill-aktar kompożituri influwenti li ħalla impatt fid-dinja mużikali u li għandu bosta xogħlijiet ċelebri, kiteb il-mużika għall-innu *Sub Tuum Præsidium* bejn l-1772 u l-1774. Din il-kompożizzjoni hija miktuba fuq l-istil Klassiku fl-iskala mużikali *F Major* u hija strumentata għal sopran, tenur, kwartett tal-korda (vjolin prim, vjolin sekond, vjola, vjolinċell u kontrabaxx) bl-akkumpanjament tal-orgni.



**Lorenzo Perosi** (1872-1956) kien kompożitur Taljan ta' mużika sagra u l-uniku membru tal-i*Scuola Giovane*, li ma kinux jiktbu opra. Meta kellu biss għoxrin sena, Perosi kien diġà kompożitur b'fama dinjija, l-aktar fejn jidħlu l-oratorji. Romain Rolland, rebbieħ tal-Premju Nobel, kien kiteb: "Mhuwiex faċli jkollok idea eżatta ta' kemm kien popolari Lorenzo Perosi fil-pajjiż tal-oriġni tiegħu". Fost il-kompożizzjonijiet tiegħu nsibu l-mużika għall-innu Marjan *Sub Tuum Præsidium*, liema innu huwa miktub għal żewġ vuċijiet bl-akkumpanjament tal-orgni fuq l-istil tas-seklu għoxrin u ppubblikat għall-ewwel darba fis-sena 1901.

Minbarra dawn il-kompożituri stabbiliti, insibu wkoll numru ta' kompożizzjonijiet moderni bbażati fuq it-test tal-innu *Sub Tuum Præsidium*. Il-kompożitur **Paolo Ugoletti**, li għandu bosta xogħlijiet miktubin għall-*classical guitar*, kiteb il-mużika għal dan l-innu fis-sena 2009 u din hija strumentata

għal kor maskili. Il-kompożitur **Herve Roullet** kiteb il-mużika għal din l-antifona Marjana fis-sena 2010 u dan ix-xogħol indaqq għall-ewwel darba fis-sena 2012. Hija kompożizzjoni miktuba fuq stil modern għal kor imħallat. Min-naħa tiegħu, il-kompożitur **Luca Spada** kiteb il-mużika għall-antifona Marjana *Sub Tuum Præsidium* fis-27 ta' April 2012 u din indaqqet għall-ewwel darba fl-istess sena. Ix-xogħol ta' Luca Spada huwa strumentat għal kor imħallat bl-akkumpanjament ta' flawt, vjolin, pjanu u *bass guitar*.

Ta' min isemmi wkoll li l-kompożitur **Jacob Obrecht** (1457-1505) kiteb Quddiesa (*Kyrie*, *Gloria*, *Credo*, *Sanctus* u *Agnus Dei*) li semmieha propju *Missa Sub Tuum Præsidium*. Obrecht kien kompożitur Franko-Fjamming ta' żmien ir-Rinaxximent. Huwa baqa' magħruf għan-numru konsiderevoli ta' Quddies li kiteb matul il-karriera tiegħu, fosthom din.

Dawn ix-xogħlijiet mużikali bbażati fuq it-test ta' din l-antifona Marjana jkomplu jixhdu għall-ispirazzjoni li bosta kompożituri madwar id-dinja sabu f'innijiet liturġiċi li jagħtu tifħir u glorja lill-Verġni Marija. Jalla l-mużika sagra tkompli tgħinna nerfgħu qlubna lejn Alla u lejn Ommna Marija fil-ħtiġijiet spiritwali u materjali tagħna, konvinti li huma jafu x'għandna bżonn aktar milli nafu aħna stess!♦

**Riferenzi**

http://www.cpdl.org.
SANTUCCI Pellegrino, *La Madonna nella Musica*, Bologna 1983.





# Il-Kelma tal-Papa

# Ħsibijiet Marjani tal-Papa Benedittu XVI

**miġbura minn ACM**

**Fl-Ittra Appostolika *Porta Fidei*, li biha l-Papa Benedittu XVI ħabbar is-Sena tal-Fidi, hu jippreżenta lill-Verġni Marija bħala l-mara u l-mudell tal-fidi.**

- Il-Fidi wasslet lil Marija biex tilqa' l-kelma tal-anġlu u temmen li kienet ser issir Omm Alla billi tkun il-qaddejja tal-Mulej...
- Bl-istess Fidi hija mxiet wara l-Mulej fil-predikazzjoni tiegħu u baqgħet miegħu sal-Golgota.
- Bil-Fidi, Marija daqet il-frott bnin tal-Qawmien ta' Ġesù u filwaqt li kienet tgħożż kull ħaġa f'qalbha, għaddietha lit-Tnax li kienu magħha fiċ-Ċenaklu biex jirċievu l-Ispirtu s-Santu.

*(No. 13, 11 ta' Ottubru 2011)*

## Marija: il-Mara tal-"IVA"

Fir-rakkont tat-Tħabbira tal-Anġlu lil Marija, hemm punt li rrid ninsisti fuqu: Alla jitlob l-"IVA" tal-bniedem.

- Alla jitlob l-"IVA", il-kunsens ħieles ta' Marija, sabiex Hu jsir bniedem.
- Biex ngħidu kollox, l-"IVA" tal-Verġni Marija hija l-frott tal-grazzja divina. Iżda l-grazzja ma tneħħix il-libertà; għall-kuntrarju, il-grazzja ssostni l-libertà.

## Nafda s-Sena tal-Fidi f'idejn Marija

- Nixtieq inqiegħed f'idejn Marija dan iż-żmien speċjali ta' grazzja (jiġifieri din is-Sena tal-Fidi).
- Omm tal-IVA, Int li smajt lil Ġesù, kellimna dwaru, għidilna dwar il-vjaġġ ta' ħajtek biex aħna nimxu *warajh*, fit-Triq tal-Fidi.
- Għinna biex inxandruh, biex kull bniedem jilqgħu u jsir "tempju" li fih jgħammar Alla.

*(Diskors fis-Santwarju ta' Loreto fil-bidu tas-Sena tal-Fidi, 4 ta' Ottubru 2012)*

## Nisimgħu u nilqgħu lil Ġesù bħal Marija

- Jalla l-Verġni Marija, *Dixxiplu, Qaddejja u Omm il-Mulej*, tiksbilkom mingħand Ġesù l-grazzja li dawk kollha li rċevew id-don li jimxu wara Ġesù fil-ħajja kkonsagrata, jagħtu xhieda ta' dan id-don bil-ħajja tagħhom ittrasformata.

*(Lir-reliġjużi kkonsagrati, 2 ta' Frar 2012)*




- Filwaqt li nafda lil kull wieħed minnkom fil-ħarsien ta' Marija, kollha sabiħa u mudell tal-Fidi, jiena naghtikom il-Barka Appostolika.

*(Messaġġ lill-Akkademja Pontifiċja, 21 ta' Novembru 2012)*

- Alla hu dak li jsejjaħ! Hu meħtieġ li nisimgħuh, nilqgħuh u nweġbuh bħal Marija. "Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej, ikun minni skond kelmtek".
- Hija x-xewqa tiegħi li Marija, l-aqwa fost l-ommijiet, tħaddanna taħt il-mant tagħha fit-taqbida kontra l-ħażen.
- Hija x-xewqa tiegħi li Marija titlob għalikom, taqlgħalkom il-grazzji li titolbuha u turikom it-triq li twassalkom għand Alla.

*(Angelus, 11 ta' Lulju 2012)*

## Marija, il-Kewkba tal-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida

Kien il-Papa Pawlu VI, fl-Enċiklika *Evangelii Nuntiandi*, Nru 82, li sejjaħ lill-Verġni Marija bit-titlu ta' Kewkba tal-Evanġelizzazzjoni. Din l-espressjoni l-ewwel ma kien semmieha kien l-għaref tal-Knisja San Efrem is-Sirjan, meta qal: "Ir-raġġ tal-kwiekeb huwa simbolu ta' Marija. Mill-ġuf tagħha twieled għalina Kristu, il-Kewkba. Bit-twelid tiegħu huwa ke"a d-dlamijiet mid-dinja u bir-raġġi tiegħu huwa dawwal lill-ġnus imbiegħda".

Il-Papa Benedittu, fid-diskorsi tiegħu qabel u waqt din is-Sena tal-Fidi, spiss jispiċċa b'talba Marjana fejn isejjaħ lil Marija l-*Kewkba tal-Evanġelizzazzjoni.*

- Ejjew inqiegħdu lilna nfusna taħt il-ħarsien tal-Imqaddsa Verġni Marija, il-Kewkba tal-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida.

*(Ftuħ tas-Sinodu tal-Isqfijiet, 7 ta' Ottubru 2012)*

- Jalla Marija, il-Kewkba tal-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida, tgħallimna u tgħinna nwasslu lil Kristu għand kulħadd bil-kuraġġ u bil-ferħ.

*(Għeluq is-Sinodu tal-Isqfijiet, 28 ta' Ottubru 2012)*

- Għeżież ħbieb, nitolbu l-interċessjoni ta' Marija, il-Kewkba tal-Evanġelizzazzjoni, biex takkumpanja lil dawk li jxandru l-Vanġelu u tiftaħ il-qlub ta' dawk li jisimgħu l-Vanġelu.

*(Assemblea Plenarja tal-Kunsill Pontifiċju għall-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida, 30 ta' Mejju 2012)*

- Jalla l-Verġni Marija, Omm il-Knisja u l-Kewkba tal-Evanġelizzazzjoni, takkumpanja lill-missjunarji, ix-xandara tal-Evanġelju.

*(Messaġġ għal Jum il Missjoni, 6 ta' Jannar 2013)*

- Il-figura ta' Marija tiggwidana fi triqtna... Kif il-kwiekeb fid-deżert jiddu l-aktar fid-dalma tal-lejl, hekk id-dawl ta' Marija, il-Kewkba tal-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida, jiddi b'qawwa fis-sema matul il-vjaġġ tagħna. F'idejha aħna nafdaw lilna nfusna b'fiduċja kbira.

*(Sinodu tal-Isqfijiet, 27 ta' Ottubru 2012)*



# "Marija, min-naħa tagħha"

minn Dun Alex Refalo

Kull ġrajja, kull sitwazzjoni li kienet tiltaqa' magħha Marija kienet tgħixha bil-fidi, tipprova tidħol fil-fond ta' li kien qed jiġri, tara dak li Alla qed jitlob minnha u taqra f'dan kollu r-Rieda t'Alla għaliha. Dan jidher ċar fil-ġrajja ta' Bethlem. Luqa jgħidilna dwar ir-rgħajja: "Marru mela jgħaġġlu, u sabu lil Marija u 'l Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura. Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kull ma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija, u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-rgħajja. Marija, min-naħa tagħha, ***baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha*** u ***taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha***." (2,16-19). Ir-rgħajja jirrakkontaw biss dak li raw u semgħu, mimlija stagħaġib, imma jieqfu hemm, b'kuntrant ma' Marija li "min-naħa tagħha" ma waqfitx fuq il-qoxra ta' dak li kien qiegħed iseħħ, anzi "baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il ħwejjeġ...". Tmur 'l hinn. Tipprova tifhem it-tifsira profonda ta' dak li qed jiġri fiha u madwarha. Dan ġara wkoll f'Nazaret. Mat-tislima tal-anġlu hi "bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima" (Lq 1,29).

Naraw ġrajja oħra li tikkonferma din l-attitudni ta' Marija. Wara li Ġesù jinstab fit-tempju l-Evanġista Luqa jgħidilna li "*ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha*" (Lq 2,51).

- X'kienu ***"dawn l-ħwejjeġ kollha"***? Kienu l-ġrajjiet, il-fatti, il-kliem li kienet tisma'. Fil-każ ta' Gabriel riedet tfittex it-tifsira ta' dak li kien qiegħed jingħad lilha. Tistaqsi dwar il-fatti: għaliex it-twelid tal-Iben tagħha ġewwa maxtura? X'irid iwassal Alla lilha permezz ta' dan is-sinjal? Kif tista' hi tkompli tgħix ir-Rieda t'Alla f'sitwazzjonijiet li jidhru li ma jiftehmux?

- ***"f'qalbha"***: Il-qalb fil-Bibbja hija l-post tal-ħajja intima u profonda tagħna, hija l-post fejn naħsbu, niftakru, nixtiequ u neddeċiedu. Mhijiex sempliċament il-post tal-emozzjonijiet li jgħaddu. Il-qalb fil-Bibbja hija l-post tad-deċiżjonijiet,



l-mimlija bl-Ispirtu s-Santu (ara Lq 1,28.35) u waħda mill-ħidmiet tiegħu hija li jfakkar: "Id-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, jgħallimkien kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom" (Ġw 14,26).

Li tfakkar lilha nfisha, taħseb, tirrifletti, timmedita għal Marija kien fatt abitwali, fatt magħġun mal-ħajja tal-fidi tagħha. Dan tispjegah l-imħabba għax min iħobb jiftakar u jieħu gost jiftakar. Min tassew iħobb ikun lest li jqiegħed anke r-ritratt ħdejh biex żgur li dik il-memorja ma taħrablu qatt minn qalbu. Huwa għalhekk li Alla lilna ma jinsiena qatt u qatt għax peress li Alla huwa mħabba, l-imħabba tpoġġi lil dak li tħobb f'qalbek.

il-kuxjenza, ir-ruħ. F'kelma waħda hija d-dinja interjuri. Marija tirrifletti mhux biss b'mod intelletwali, imma b'dak kollu li hi, fis-silenzju tal-profondità tagħha. Timmedita fuq il-ġrajja, il-fatt. Tħalli l-kelma tidħol fiha u tħalli lilha nfisha tinbidel fiha.

- ***"baqgħet tgħożż"*** fil-kaxxa tal-memorja tagħha l-egħġubijiet tal-Mulej, biex hekk tifhem it-tifsira traxxendentali, jew tal-misteru li hemm moħbi. Meta wieħed jieqaf fuq il-memorji tal-ħwejjeġ t'Alla, jibda jislet minnhom it-tifsiriet l-iżjed profondi. Hekk kien jagħmel is-Salmista: "Naħseb fi żmien l-imgħoddi, niftakar fis-snin ta' qabel; billejl nitħaddet f'qalbi, naħseb u nixtarr ġewwa fija... niftakar f'għemilek Mulej, naħseb fl-għeġubijiet li għamilt fl-imgħoddi. Naħseb f'kull ma int għamilt, nixtarr l-għemejjel kbar tiegħek" (Salm 77,6-7.12-13). Xejn ma kien jaħarbilha lil Marija għax l-ordni lill-poplu tagħha Iżrael kien dan: "Biss iftaħ għajnejk, u oqgħod attent ħafna għalik innifsek, li ma tmurx tinsa l-ħwejjeġ li rajt b'għajnejk; tħallihomx iwarrbu minn qalbek tul il-jiem kollha ta' ħajtek..." (Dt 4,9). Dan kollu għal Marija kien iktar possibli biex jitwettaq peress li hija

- ***"u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha"***: tikkonfrontahom u tara fihom dak li jagħmel sens għal ħajjitha. Permezz tal-memorja hija setgħet tagħmel bħas-salmista: "Niftakar fiż-żmien l-imgħoddi, naħseb f'kull ma int għamilt, għemil idejk dejjem fi ħsiebi" (Salm 143,5) u "lejl u nhar jaħseb fil-liġi tiegħu (tal-Mulej)" (Salm 1,2b) biex b'hekk setgħet dejjem tgħix skont id-dawl tal-kelma t'Alla. Fil-fatt il-Manjifikat huwa kompost minn biċċiet tal-memorija magħquda flimkien, meħuda mill-kelma t'Alla. Il-Kelma (l-Iskrittura) għal Marija kienet, bħal kull Lhudi ieħor, il-lenti li biha setgħet taqra l istorja u l ġrajjiet tagħha u ta' madwara. Il-Kelma saret għal Marija bħal dik il-ħelwa li toqgħod issoff ġo ħalqek: "Kemm hi ħelwa l-wegħda tiegħek! Oħla mill-għasel għal fommi." (Salm 119,103). Għal Marija il-memorja tqiegħed il-passat fil-preżent in vista tal-futur.

Marija ssir għalina eżempju ċar ta' kif għandna ngħixu l-fidi tagħna, billi nitgħallmu minnha naqraw il-ġrajjiet ta' madwarna u nimmeditaw u ngħixu l-kelma t'Alla.♦




# L-Erbgħa, 8 ta' Mejju 2013 jibdew l-Erbgħat fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu

## *Il-Verġni Marija timxi magħna tul il-Pellegrinaġġ tal-Fidi*

**Kull nhar ta' Erbgħa**

Quddies: Filgħodu 5.00, 6.00, 7.00, 8.30 u 9.00
Filgħaxija 5.30, 6.30 u 8.00

Adorazzjoni Ewkaristika: 11.30am - 5.00pm

8.45pm Talba tar-Rużarju
10.15pm Talba ta' Għeluq il-Jum u Barka Sagramentali

**Pellegrinaġġi minn ħdejn il-Monument tal-Pellegrin** immexxija mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Isqof Mario Grech
*Il-Pellegrinaġġi jibdew fis-7.15 pm f'dawn il-ġranet*:

29 ta' Mejju: Pellegrinaġġ mill-parroċċi tan-Nadur u Xagħra
05 ta' Ġunju: Pellegrinaġġ mill-parroċċi tal-Għarb, Għasri, Kerċem, San Lawrenz u Żebbuġ
19 ta' Ġunju: Pellegrinaġġ mill-parroċċi tal-Fontana u Rabat
26 ta' Ġunju: Pellegrinaġġ mill-parroċċi ta' Għajnsielem, Munxar, Qala, Sannat u Xewkija




## It-Talb tal-Papa lill-Madonna suġġett ta' ktieb interessanti

L-għadira fil-ġonna ta' *Castel Gandolfo*, statwa ta' Marija Verġni u ħuta ħamranija li tosserva u tikkummenta. Dan huwa l-kuntest li jieħu l-ħajja fil-ktieb bit-Taljan *Il mistero del piccolo Stagno* ideata u illustrata mill-pittriċi Taljana Natalia Tsarkova. Tsarkova kienet l-ewwel artista aċċettata għall-ħidmiet tas-Sinodu tas-sena 2001 sabiex tpitter lill-Papa flimkien mal-padri sinodali. Il-ħrafa kienet ippubblikata mil-*Libreria Editrice Vaticana* u preżentata għall-pubblika nhar it-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012 fil-Kulleġġ *Augustinianum* f'Ruma.



Fil-preżentazzjoni kien hemm l-awtriċi, Mons. Georg Ganswein segretarju tal-Qdusija Tiegħu l-Papa li nhar l-Epifanija ġie ordnat isqof mill-istess Qdusija Tiegħu u Prefett ġdid tal-*Casa Pontificia* u Don Giuseppe Costa, direttur tal-Lev. Il-Professur Paolucci saħaq l-attenzjoni tal-Arti Kristjana fil-konfront tal-annimali u anke enfasizza l-għaqda tal-ħolqien mal-fraternità li torbot flimkien lill-ħajjin kollha taħt is-sema. L-introduzzjoni tal-ħrafa nkitbet minn Mons. Georg Ganswein li semma li wieħed mill-postijiet l-aktar favoriti tal-Papa fil-Kastell sajfi hija proprju l-għadira u l-inħawi ta'madwarha. Personalment, nista' nixhed jien stess dwar dan; f'Settembru 2010, waqt żjara li għamilt ma' xi Għawdxin oħra lil Mons. Alfred Xuereb, segretarju tal-Papa, *f'Castel Gandolfo,* is-saċerdot Għawdxi ħadna maġenb din l-għadira ċkejkna u fissrilna kif kull fil-għaxija fis-sajf il-Papa jieħdu f'dawn l-inħawi biex jgħidu r-Rużarju u jistrieħu ftit fis-skiet u l-ħemda f'din ir-roqgħa art favorita tiegħu. Il-ktieb li fih 31 paġna qed jinbiegħ għall-prezz ta' 23 Ewro. Wara r-rakkont hemm ċertament 'moħbija' l-imħabba tal-Papa lejn il-ħolqien speċjalment lejn iċ-ċkejnin u dawk kollha li jirriflettu l-imħabba kbira ta' Alla.






## Il-festa tal-Midalja Mirakoluża



Il-Midalja Mirakoluża hija fost id-devozzjonijiet speċjali Marjani li jeżistu fi ħdan it-tradizzjoni Kattolika. Kienet Caterina Zoe Laboure li fis-sena 1830 meta kienet qegħda fis-snin tan-novizzjat fi ħdan l-Ulied tal-Karita' f'Rue de Bac f'Pariġi kellha rivelazzjonijiet mis-sema u kienet magħżula sabiex twassal missjoni universali partikulari: dik li tifrex madwar id-dinja d-devozzjoni lejn 'l hekk imsejħa Midalja Mirakoluża. Ir-rivelazzjonijiet privati għandhom post partikulari fil-Knisja. Inkiteb ħafna dwar din il-qima tal-Midalja Mirakoluża. Il-Midalja tiġbor fi spazju daqstant limitat, simbolizu għani ħafna ta' fidi u devozzjoni. Ix-xbieha tal-Verġni tidher b'idejha miftuħa sabiex iqassmu l-grazzji u minn idejha joħroġ id-dawl. Il-Midalja ġġorr fuqha l-kelmiet 'O Marija mnissla bla dnub, itlob għalina li nirrikorru lejk'. Il-qima lejn din il-midalja għenet fil-firxa tal-qima lejn Marija Immakulata li mbagħad ġiet iddikjarata domma nhar it-8 ta' Diċembru 1854.



## Il-Beatu Ġwanni Duns Skotu, teologu tal-Immakulata

Il-qima lejn l-Immakulata Kunċizzjoni fil-Knisja Nisranija hija ferm antika u taf għeruqha lill-kitbiet mistiċi ta' San Efrem Djaknu tas-Sirja. Madankollu kien il-Franġiskan Ġwanni Duns Skotu mill-belt ċkejkna ta' Duns fl-Iskozja li ġab ħafna 'l quddiem il-qima lejn l-Immakulata meta bħala teologu fl-era Skolastika fisser tajjeb it-tifsira tat-tnissil bla tebgħa ta' Marija Verġni. Kien imbagħad il-Papa Beatu Piju IX li pproklamaha bħala domma. Ġwanni Duns Skotu twieled f'Duns, qrib Berwick qrib is-sena 1265 u tħajjar jidħol mal-Franġiskani fuq l-eżempju ta' zijuh l-ajk Patri Elija li kien vigarju ġenerali tal-Franġiskani Minuri għall-Iskozja. Iffrekwenta skola lokali u ta' erbatax-il sena daħal fil-kunvent ta' Dumfries. Kompla l-istudji tiegħu f'Northampton u f'Oxford fl-Ingilterra. Ordna saċerdot nhar is-17 ta' Marzu 1291 fil-Knisja ta' Sant'Andrija f'Northampton minn idejn Mons. Oliviero Sutton. Għall-intelliġenza tiegħu ntbagħat kemm Oxford kif ukoll 'il barra mill-pajjiż. Għal disa' snin studja l-filosofija u għal ħdax-il sena studju t-teoloġija. Kien wieħed mill-aħwa għorrief ta' żmienu. Attenda l-Università ta' Pariġi wkoll. Il-Papa Benedittu XVI fl-Ittra Appostolika li kiteb fl-okkażjoni tas-seba' ċentenarju mill-mewt tal-beatu nhar it-8 ta' Novembru 2008 kiteb: 'Skotu permezz tat-tagħlim tiehu daħal fil-fond tal-veritajiet naturali u rivelati u stħaqqlu jissejjaħ Duttur tal-Ordni, Duttur Sottili u Duttur Marjan u sar b'hekk il-glorja tal-Iskola Franġiskana, dawl u eżempju għall-poplu Nisrani'. Wieħed



mill-aħjar kotba li nkitbu dwaru huwa dak bit-Taljan ta' Girolamo Pica bl-isem *Il Beato Giovanni Duns Scoto. Dottore dell'Immacolata* ppubblikat mill-*Casa Editrice Velar* ta' Gorle fl-Italja.

## Katidral ġdid f'Karaganda



Il-Katidral il-ġdid ta' Karaganda, tempju fiċ-ċentru tar-reġjun kbir fejn kien darba jgħix Stalin ma' dawk ta' madwaru ġie kkonsagrat u ddedikat lill-Madonna ta' Fatima f'Settembru 2012. Kien preżenti l-Kardinal Angelo Sodano, dekan tal-Kulleġġ Kardinalizju. Fl-omelija tiegħu waqt il-Quddiesa, il-Kardinal tkellem dwar ir-rwol tal-katidrali u semma wkoll il-katidral Taljan ta' Asti minn fejn ġej huwa nnifsu. Il-katidral jinsab fl-inħawi magħrufin bħala l-'Karlag' fejn darba kien hemm il-kampijiet tal-konċentrament. Kien biss nhar id-19 ta' Marzu 1977, Solennità ta' San Ġużepp, li l-Knisja Kattolika rċeviet għall-ewwel darba l-permess li tiċċelebra Quddiesa Pubblika. Dan kien seħħ f'post tassew umli. Kien imbagħad nhar id-29 ta' Ġunju 1980 li wieħed seta' jara isqof Kattoliku jiċċelebra quddiesa fil-pubbliku. L-aħħar quddiesa qabel dik id-data kien qaddisha Monsinjur Richard tal-Burgundija li kien miet martri qrib is-sena 1340.



## Il-35 Anniversarju mill-pubblikazzjoni ta' ktieb awtorevoli Marjoloġiku

Kienet is-sena 1978, sena magħrufa fl-istorja tal-Kristjaneżmu bħala 'is sena tat tlett papiet', li studjużi Kattoliċi u Protestanti ftehmu biex flimkien joħorġu għad-dawl ġabra ta' studji dwar il-Madonna bl-isem *Mary In The New Testament.* Il-ktieb għandu daħla ffirmata minn Paul C. Empie li għal bosta snin kien Segretarju Ġenerali tal-*USA National Committee Lutheran World Federation* u l-Isqof T. Austin Murphy, awżiljarju ta' Baltimore u president tal-*Bishops' Committee for Ecumenical and Interreligious Affairs*. Ikkontribwew bl-istudji awtorevoli tagħhom uħud fost l-aqwa skulari tal-Iskrittura minn ċrieki ta' konfessjonijiet Insara differenti. Il-ktieb huwa ċertament *joint effort* bejn studjużi tat-tradizzjoni Kattolika u dik Protestanta u jinkludi fih ħarsa dettaljata lejn il-post ta' Marija fil-kitbiet tat-Testment il-Ġdid u fil-Knisja tal-bidu. Jinkludi fost l-oħrajn studji dwar il-preżenza ta' Marija fil-kitbiet Pawlini, fl-erba' evanġelji, fl-Atti tal-Appostli u fl-Apokalissi u anke fil-kitbiet Insara tal-ewwel żewġ sekli u nofs. Il-ktieb ġie stampat mill-Paulist Press ta' New York fl-Istati Uniti u għandu fost l-edituri tiegħu lil Raymond E. Brown u Joseph A. Fitzmyer, żewġ studjużi kbar li żgur ma għandhom bżonn ta' ebda introduzzjoni.





## Il-Papa Franġisku jmur jagħti qima lill-Verġni Mbierka

Il-Papa Franġisku jħobb iqum kmieni, u lin-nies ta' Ruma ma damx ma ssorprendiehom meta fl-ewwel għodwa tal-pontifikat tiegħu, fit-8.15am, mar iżur waħda mill-Bażiliċi Maġġuri ta' Ruma, Santa Maria Maggiore. Il-Papa deher dieħel fil-Bażilika jġorr f'idejh bukkett fjuri.

Il-Papa kien akkumpanjat minn Mons. George Gaenswein, Prefett tal-Kamra Pontifiċja, u minn Leonardo Sapienza, Viċi Prefett.

Dritt wara l-elezzjoni tiegħu nhar l-Erbgħa fil-għaxija, il-Papa Franġisku kien ħabbar li kien se jmur jitlob "lill-Madonna biex tħares lil Ruma".

U hekk ġara, għax il-Papa ġdid mar jagħti qima lil Marija f'din l-eqdem Bażilika Nisranija tal-Punent iddedikata lilha. Hu baqa' dieħel direttament fil-Kappella Pawlina fuq ix-xellug tal-korsija biex jitlob quddiem l-ikona tal-Madonna *Salus Populi Romani*.

Leġġenda antika sew tirrakkonta li San Luqa l-Evanġelista kien pittur, u li fost ix-xbihat li pitter kien hemm kwadru tal-Verġni Marija. Bosta artisti ġabu fix-xogħlijiet tagħhom lill-evanġelista qed ipitter il-wiċċ ħelu ta' Omm Alla. Wisq probabbli l-leġġenda ġejja mill-fatt li Luqa, fost l-erba' evanġelisti, hu dak li jirrakkontalna bl-aktar mod sħiħ it-twelid ta' Ġesù u f'dan il-kuntest hu jitkellem fit-tul dwar l-Omm tal-Feddej, sal-punt li hu tradizzjonalment imsejjaħ sempliċement il-bijografu ta' Marija".

F'din l okkażjoni, il Papa Franġisku mar jitlob ukoll quddiem l-altar maġġur, fejn hi miżmuma relikwa tal-Maxtura ta' Betlehem, u wara żar il-Kappella Sistina faċċata tal-Kappella Pawlina fl-istess Bażilika. Dan hu post ta' sinifikat kbir b'mod partikulari għall-Ġiżwiti, għax hawn San Injazju ta' Loyola kien iċċelebra l-Quddiesa ta' Lejlet il-Milied wara l-ordinazzjoni presbiterali tiegħu. Xħin kien hemm, il-Papa talab ukoll f'riġlejn il-qabar ta' San Piju V.◆

# Mill-Ħajja tas-Santwarju



**miġbura minn**
**Ivan Attard**

## OTTUBRU 2012

**It-Tnejn, 1:** Saret żjara lis-Santwarju mill-Arċisqof Mons. Peter Kairo li kien jinsab Malta fl-okkażjoni tal-Ordinazzjoni Episkopali tal-Isqof Mons. Joseph Alessandro OFMCAP.



Huwa qaddes fil-Kappella tal-Madonna flimkien mas-saċerdot Għawdxi Mons. Ġorġ Grima, li huwa d-Direttur tal-Moviment Missjunarju *Ġesù fil-Proxxmu*. Għalkemm huwa mill-Kenja, dan l-Arċisqof żar is-Santwarju tliet darbiet.

**L-Erbgħa, 3:** Il-Kan. George DeBrincat iċċelebra Quddiesa fis-Santwarju għal ruħ Frank Zammit u b'talb għal martu Pawla u l-Familja Mizzi.

**Is-Sibt, 6:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr għall-ħamsin anniversarju miż-Żwieġ tal-koppja Ġorġ u Vitorina Gauci mill-Belt Victoria.

**Il-Ġimgħa, 12:** Wara li f'Settembru li għadda r-Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu





flimkien ma' grupp żgħir ta' persuni żaru s-Santwarju Marjan ta' Oropa ġewwa Biella fl-Italja, grupp ta' madwar 30 pellegrin taljan minn dan is-Santwarju żaru għall-ewwel darba s-Santwarju Ta' Pinu.



**Is-Sibt, 13:** Ġie amministrat is-Sagrament taż-Żwieġ lill-koppja Joseph P. Mercieca u Lindsey Agius. Iċ-ċelebrant tal-Quddiesa kien l-Arċipriet il-Kan. Reuben Micallef, flimkien mal-Arċipriet Dun Tarcisio Camilleri.

**Il-Ħadd, 14:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'għeluq il-ħamsin anniversarju miż-Żwieġ tal-koppja Paul u Pauline Zahra mis-Siġġiewi.

**Il-Ġimgħa, 19:** Mons. Salvu Pace amministra s-Sagrament tal-Magħmudija lit-tarbija Shirley Saliba, bint Christopher u Marlyn, min-Nadur.

**Il-Ħadd, 21:** Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lit-tarbija Noella Azzopardi, bint il-koppja Roderick u Williana.

**Il-Ħadd, 28:** Saret Quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'għeluq l-erbgħin anniversarju miż-Żwieġ tal-koppja John Sultana u Carmen née Saliba.

***Pellegrinaġġi:***

**It-Tlieta, 2:** Pellegrinaġġ mill-Grupp Missjunarju Għawdxi. Ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech flimkien ma' Mons. Salv Grima, li matulha tfakkar it-tletin anniversarju mit-twaqqif ta' dan il-grupp mill-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard.

**Il-Ħamis, 4:** Żjara minn grupp ta' pellegrini mill-Awstrija.

**Il-Ġimgħa, 5:** Pellegrinaġġ organizzat minn *Casa Arkati*, dar tal-anzjani f'Malta. Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Dun Mikiel Galea.

**Is-Sibt, 6:** Pellegrinaġġ mill-Grupp tal-Fergħa Ewkaristika. Ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-Kan. John Muscat.

**Il-Ħadd, 14:** Żjara mill-Grupp tal-Armar tal-Parroċċa tas-Siġġiewi. Ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-Arċipriet il-Kan. Joe Grech.

**L-Erbgħa, 24:** Pellegrinaġġ mis-saċerdoti żgħażagħ Maltin fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-Sena tal-Fidi mnedija mill-Papa Benedittu XVI. Ġiet iċċelebrata Quddiesa u saret il-konsagrazzjoni tas-saċerdoti żgħażagħ lill-Madonna Ta' Pinu.

**Il-Ħamis, 25:** Żjara minn grupp ta' pellegrini mid-Djoċesi ta' Rottenburg-Stuttgart.

**Is-Sibt, 27:** Pellegrinaġġ Annwali tal-Morda organizzat mill-Ordni Sovran ta' Malta. Ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritu ta' Malta.





## NOVEMBRU 2012

**Il-Ħamis, 1:** Solennità tal-Qaddisin Kollha u tifkira tat-62 anniversarju mill-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunta. L-Isqof Salesjan Mons. Enrico del Covolo, Rettur tal-Università Pontifiċja Lateranensi, għamel żjara lis-Santwarju. Huwa ġie milqugħ mir-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar, li offrielu wkoll ktieb dwar l-istorja tas-Santwarju Nazzjonali tagħna.



**Is-Sibt, 3:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Kappella tal-Madonna f'għeluq il-ġublew tal-fidda taż-Żwieġ tal-koppja Massimo u Vanessa Coleiro.

Fl-istess jum, ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lit-tarbija Ayana Xuereb, bint il-koppja Kevin u Mary Jane née Cauchi, minn Dun Alex Refalo.

**L-Erbgħa, 21:** Fis-Santwarju ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech b'talb għar-reliġjużi mejtin.

**Il-Ġimgħa, 23:** Patri Manwel Borg Bonello OSA, Provinċjal tal-Agostinjani Maltin, flimkien ma' Patri Deo Debono OSA, Patri Franco Grech OSA, Patri Saver Mifsud OSA, Patri Leslie Gatt OSA, Patri Josef Sciberras OSA u Fra Mario Bonnici OSA ġew iroddu ħajr lil Alla u lil Sidtna Marija fi tmiem l-irtir annwali tagħhom. Mexxa ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa Patri Pawl Cachia OFM, il-predikatur tal-irtir.

**Is-Sibt, 24:** Dun Joseph Bajada ċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-erbgħin anniversarju miż-Żwieġ tal-koppja George u Ewkaristika Gauci u t-tletin anniversarju miż-Żwieġ tal-koppja John u Yvonne Galea.

**Il-Ħadd, 25:** Mons. Salv Pace iċċelebra Quddiesa fl-okkażjoni tal-Magħmudija ta' Jane Micallef, iben Kevin u Micheline.



**It-Tnejn, 26:** L-Isqof Awżiljarju ta' Malta, l-E.T. Mons. Charles J. Scicluna – li ġie kkonsagrat fil-Konkatidral ta' San Ġwann fl-24 ta' Novembru 2012 – flimkien mal-Arċisqof ta' San Francisco, l-E.T. Mons. Salvatore J. Cordileone, u l-Isqof Awżiljarju elett ta' Boston, Mons. Robert Deeley, għamlu żjara lis-Santwarju u ċċelebraw Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna.



***Pellegrinaġġi:***

**L-Erbgħa, 7:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' patrijiet Kapuċċini fl-okkażjoni tal-irtir annwali tagħhom.

**Il-Ġimgħa, 16:** Żjara minn żewġ saċerdoti li qed jaqdu l-ministeru tagħhom f'Melbourne, l-Awstralja.

**It-Tlieta, 20:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-parroċċa ta' Sant'Antnin ta' Padova fl-Italja.

## DIĊEMBRU 2012

**Is-Sibt, 1:** Ġie ċċelebrat is-Sagrament taż-Żwieġ bejn il-koppja Miriam Tabone u Frankie Sciberras. Iċ-ċelebrant kien Patri Michael Attard OFMCONV.

**Il-Ġimgħa, 7:** Vġili tas-solennità tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija. Fis-6.00pm ngħadet it-talba tar-Rużarju quddiem ix-xbieha tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Kappella ddedikata lilha fis-Santwarju, u fis-6.30pm ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-Kan. Eddie Vella bit-talb tal-Ewwel Għasar tal-Verġni Mbierka. Il-liturġija kienet animata mill-organista Ivan Attard.

**Is-Sibt, 8:** Jum is-solennità tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija. Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lil Adine Zammit, iben Shawn u Elyse née Cassar. Iċ ċelebrant kien ir Rettur Dun Gerard Buhagiar.

**Il-Ħamis, 13:** Patri Anton Farrugia OFM iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Kappella tal-Madonna f'għeluq l-erbatax-il anniversarju mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu, li saret mill-E.T. Mons. Isqof Silvestro Magro fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu f'Lulju 1998.

**Il-Ġimgħa, 14:** Ġie amministrat is-Sagrament taż-Żwieġ lill-koppja Jonathan Grech (Nadur) u Shannah Josephine Xerri (Mellieħa). Iċ-ċelebrant kien l-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo, flimkien mal-Kappillan il-Kan. Brian Meilak.

Fl-istess ġurnata, Dun Franġisk Saliba mexxa r-Rit tal-Għerusija tal-koppja Brian Meilaq u Angie Saliba fil-Kappella tal-Madonna.

**Il-Ħadd, 16:** Ġiet iċċelebrata s-solennità tal-81 Anniversarju mid-Dedikazzjoni tas-Santwarju Bażilika tal-Madonna Ta' Pinu, li kienet saret nhar it-13 ta' Diċembru 1931 mill-E.T. Mons. Isqof Mikiel Gonzi. Fuq xewqa ta' Mons. Isqof Mario Grech, din il-festa ġiet iċċelebrata fil-jum tal-Ħadd biex tikseb sinifikat akbar. Fil-11.15am ġiet iċċelebrata Quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech u animata mill-Kor *Christus Vincit* tal-Parroċċa taż-Żurrieq, immexxi minn Dr Chris Rolé. F'din il-ġurnata ġew mixgħula t-tnax-il Salib tad-Dedikazzjoni mal-pilastri ewlenin tas-Santwarju.





**It-Tnejn, 24:** Is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu ngħaqad mal-Knisja Universali fiċ-ċelebrazzjoni tal-Lejl Qaddis tal-Milied u s-solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Fil-11.30pm saret l-intronizzazzjoni tax-xbieha ta' Ġesù Bambin li tqiegħed taħt l-altar mejda tas-Santwarju. Saret il-Prietka tat-Tifla minn Ruth Fiteni, segwita mit-Tħabbira Solenni tal-Milied Imqaddes u l-Konċelebrazzjoni Solenni li tmexxiet mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar, megħjun mill-Kan. Eddie Vella. Il-liturġija kienet animata minn Silvana Agius u Mikaela Bajada, akkumpanjati fuq l-orgni tas-Santwarju mill-organista Ivan Attard.



Matul dawn il-ġranet tal-Milied, il-għolja ta' Għammar ġiet mibdula fi presepju mdawwal maħdum mill-voluntiera tas-Santwarju. Il-kobor tal-figuri tad-dawl f'dan il-presepju huma ta' madwar 3 metri jew aktar.

**Is-Sibt, 29:** Żjara minn żewġ dinjitarji mill-Belt tal-Vatikan: l-Arċisqof Guido Pozzo, inkarigat mill-Uffiċċju tal-Karitajiet tal-Papa, u l-Isqof Giuseppe Sciacca, Segretarju tal-Governatorat tal-Istat tal-Vatikan. Iż-żewġ isqfijiet kienu akkumpanjati minn Dun Jesmond Manicaro, segretarju personali tal-Isqof Awżiljarju ta' Malta, Mons. Charles J. Scicluna. Huma ġew milqugħa u mdawra mas-Santwarju mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar u mbagħad waqfu għal mument ta' talb

fil-Kappella. Qabel ħallew is-Santwarju, huma ffirmaw il-Ktieb tal-Viżitaturi, waqt li r-Rettur offrielhom kopja tal-ktieb dwar l-istorja tas-Santwarju, *A Temple to Our Lady – Ta' Pinu Basilica*, kitba ta' Dun Charles Cini SDB u fotografija ta' Daniel Cilia.

**It-Tnejn, 31:** L-Aħħar Jum tas-Sena Ċivili. Fis-6.30pm ġiet iċċelebrata Quddiesa li ntemmet bil-kant tat-*Te Deum* bħala innu ta' radd il-ħajr lil Alla għall-grazzji msawba fuqna bl-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu matul is-sena 2012.



Għal dawn il-festi sbieħ tal-Milied, tlesta r-restawr fuq ir-*Rose Window* li tinsab fil-faċċata tas-Santwarju. Ir-restawr tal-i*stained glass* sar mis-Sur Joe Meilak. Din it-tieqa hija magħmula minn tmien pannelli u 760 biċċa tal-ħġieġ. Dan kollu kien ifisser 343 siegħa xogħol. Barra dan, ġiet ukoll imkaħħla mill-ġdid l-arkata kollha tal-orgni fejn tinsab din it-tieqa u anki sar xogħol ieħor fuq il-lavur tal-kolonni ta' din it-tieqa li nstabu maqsuma, kaġun ta' diversi fatturi. Għal dan ir-restawr, il-Ministeru għal Għawdex offra l-ħlas lir-restawratur għal 240 siegħa xogħol, bid-differenza titħallas kollha mill-fondi tas-Santwarju.

***Pellegrinaġġi:***

**Is-Sibt, 1:** Pellegrinaġġ mill-Appostli Franġiskani ta' Ġesù u Marija.

**Il-Ħadd, 16:** Żjara mill-Kor *Christus Vincit* mill-Parroċċa taż-Żurrieq. Dan il-Kor żar is-Santwarju biex itemm wegħda li kienet saret lill-Madonna Ta' Pinu għall-fejqan ta' waħda mill-membri tal-istess kor li kienet marida b'marda kiefra u li issa tinsab imfejqa. Fuq stedina tar-Rettur Dun Gerard Buhagiar, dan il-kor anima l-liturġija tas-solennità tad-Dedikazzjoni tas-Santwarju li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech.

**L-Erbgħa, 26:** Festa ta' San Stiefnu, Protomartri. Grupp ta' pellegrini Maltin, immexxija minn Dun Sandro Camilleri SDB, żaru lill-Madonna Ta' Pinu u talbuha l-interċessjoni tagħha f'kull waqt ta' ħajjithom.

**Il-Ħamis, 27:** Żjara minn Dun Paul Fenech, mill-organizzazzjoni ACEF, il-Furjana.

**Il-Ġimgħa, 28:** F'din il-ġurnata saru numru sabiħ ta' pellegrinaġġi lejn is-Santwarju.

Pellegrinaġġ minn numru ta' persuni li jiffrekwentaw il-knisja ta' San Franġisk f'Birkirkara, Malta.

Ħarġa-pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' San Gejtanu fil-Ħamrun, li tmexxiet mill-Kappillan Dun Henry Balzan, flimkien ma' Dun Anthony Fitzpatrick.

Pellegrinaġġ ieħor mill-grupp tal-abbatini tal-Parroċċa ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien, b'ringrazzjament lil Alla u lill-Madonna tas-sena li għaddiet u b'talba għall-qdusija tal-poplu Malti u Għawdxi matul is-sena l-ġdida 2013.




# The Pilgrim's Cross

***by Rev. Roberto Gauci***

The Direction of the National Sanctuary of Ta' Pinu had been thinking for quite a long time to erect a monument as sign or perpetual memory on the very spot where traditionally pilgrimages to the sanctuary would commence, especially on the so called *Erbgħat tal-Madonna*. Another wish that it had was that to creating a figure that would express the spirituality of the pilgrimage as an icon of Christian life through Christian aesthetics. At last, this dream has become reality and this monument can be seen and enjoyed at the beginning of Ta' Pinu Road; it was co financed by the Ministry of Gozo as a part of the scheme 'Public Art in Gozo' which was launched by the same Ministry as part of the *Eco-Gozo* project. This monumental cross is decorated with mosaic and it was designed by Gozitan artist Dun Roberto Gauci. The work in Gozitan lower coralline limestone was made by Gozitan sculptor Raymond Bonello while the work in mosaic was undertaken by *Facret Mosaici* of Pietrasanta in Italy.

The basic idea of the monument was inspired by the Irish High Cross. These monumental crosses are scattered all over the Emerald Isle and they were put in place to mark the most important religious places of the island. They were then decorated with sculpture of a Celtic tradition and very often they contain a theological content which is both rich and inspiring. I thought this idea could be integrated into our own tradition. It was a common tradition in the past centuries to erect a cross in the whereabouts of our sacred places. Many of these crosses can still be seen today. The design of the present aforementioned cross brings together the




iconographic element and therefore the figurative one, with the motive of abstract nature that through colour and movement would instil sentiment of reflection. The aim of Christian aesthetics is to offer beauty not as an ornament but as that atmosphere where man can lift his heart and soul towards God who is the source of beauty itself. In this sense, even the beauty of colour, the glitter of gold, the simplicity of stone and all other aspects become features of divine beauty.



On the lower part of the cross, the image of Mary appears, known as *Hodegetria* – the Virgin Mother who shows the way. This image is taken from Christian iconography, especially from the Our Lady of Aracæli in Rome. The Virgin appears in a position of forward movement while with one hand she indicates the road and with the other she makes a jest of benediction and protection. Her eyes seem penetratingin their presentation while at the same time she appears with such docility that attracts attention. Mary is the first pilgrim. She is also the first disciple of Christ, because through faith and obedience she walks after the Christ until the very end. Faith creates movement – faith is dynamism; it does not allow man to remain where it finds him but opens for him new horizons and puts him in movement. Abraham, our father in faith, received the word: 'Get thee out of thy country, and from thy kindred, and from thy father's house, unto a land that I will show thee' (Gen 12: 1). Mary also, after the archangel addressed her, 'arose in those days, and went into the hill country with haste, into a city of Judah' (Elk 1: 39).

The pilgrim, urged by faith, leaves his abode and his daily life in order to go and meet with the Divine. The idea of pilgrimage is one of the oldest ritual forms in all religions. It is the need that man feels to leave his own environment and enters into a relationship with



the superior Being. This is an intense experience, beautiful and tremendous. But the pilgrimage is also an image of the interior pilgrimage that takes place in the very heart of man. The Christian knows that his life is not simply a succession of events, beautiful or ugly, happy or sad that will one day end with death. The Christian knows that life has another aim: the ultimate meeting with the Creator. In this sense, life is entirely a pilgrimage. This is what Saint Paul said: 'For our conversation is heaven' (Phil 3: 20).

Mary is the Immaculate, the full of grace, the Mother of God, the Assumed into Heaven. The Virgin Mary is the woman who through her faith rendered Christ present in the word when in unity with God's plan she conceived him in her womb and so we call her the Mother of God. Mary is also the first one who entered the eternal sanctuary, the one who was taken into the heavens with her body and soul. So Mary calls us to be united with her in the same pilgrimage. Through her jest she shows us the real way, the way that is Christ himself. In Cana of Galilee, Mary leaves us one word: 'Whatsoever he saith unto you, do it' (Jn 2: 5)

The Church – that is all of us – like Mary is also a pilgrim. The Church is first and foremost the gathering of those who hear the word of God. The Church like Mary renders Christ present in the world by proclaiming him in the Word, celebrates him in the Liturgy and serves him in the needy and poor. The Church looks at Mary and sees in her the promise that we will all one day be united in Christ. Every Christian can look at this Mother and sees in her what he shall one day be. This Mother calls us to walk with her in the way that leads us out of bondage, the bondage of our passions, sin and death.....this road is not an easy one: it asks of us that we renounce our very selves and take the Cross. This is the way that leads to Life, eternal life. On these lines, the upper part of the monument is decorated with motives and colours that reflect the theme of Exodus.

**The blue colour** is a colour that expresses depth. Blue is the colour that through its innate nature retreats back. It is the colour of the sea and its depths. This sea, with all its movements, in ancient zymology is a sign of chaos and death. On the second day of creation (Gen 1: 9) God puts the sea water on one side so that earth can be seen and it here that mankind would live. In Exodus this sea is dived so that Israel can pass through without fear of danger. Jesus the Son of God also descends into death: 'And being found in fashion as a man, he humbled himself, and became obedient unto death, even the death of the cross' (Phil 2: 8). Jesus from the cross calls his Father; 'My God, my God, why hast thou forsaken me?' (Mt 27: 46) the death of Christ becomes the beginning of a new life for those who through baptism are united with him in his death (Rom 6: 3 4).

So from between the dark waves of the sea appear fine silvery pieces of mosaic. They proclaim that from the waves of death new life comes out. It is the Good News that man has been saved from death and chaos. The Kingdom of God is like a net thrown into the abyss of this world that is full of confusion and chaos (Mt 13: 47) so that man can cling to it and live in Christ.

On the theme of blue we have also the symbolic image of the womb. This organ in the female body has the ability of conceiving. It can do us through the fertilization f the male seed. This image reminds us of womb of Mary who because she does not recognize a man, is an empty womb. But this womb brings forth life when it accepts the seed of God's grace. Even man, like womb, has in him the capacity of life. But this life (in an ontic sense) is given to man not though other human beings but through the grace of God. He who believes is given this seed that it may transform him into a new human being. The Christian call is this vocation who as in the case of a pregnant woman, looks after the spiritual growth of man himself.

**The coarse and rough stones** express the desert. The desert is that hostile and uncomfortable place that puts man in a precarious position. In the desert, the freedom of Israel has a price and requires a choice; one is obliged to either walks towards the promise or goes back to the comfortable cheap life of bondage. In the desert, Israel goes through a particular experience. His hardness of heart appears quite clear - the heart that grumbles and complains, that turns towards idols. Jesus also experiences the desert. He either has to put himself into the hands of the Father or otherwise choose Satan. In the desert, Jesus does that which Israel did not do; he remains faithful to his call and comes out triumphant. This is also the pilgrimage during which we lose heart many times.....but this pilgrimage with all its temptations forms the human heart. It helps humanity to choose the essential.

In this desert man is not alone. God himself leads Israel by providing him with a column of fire, **a mixture of gold which shines and contains red tongues that wind up between various marble chippings.** The gold is light and it looks similar to the light of the sun.....everything is alight and clear in it. Red is an active colour and is full of life like fire. These are the colours of the divine presence. If the pilgrim experiences heavy moments, he will also have the presence of God to lead him forward. This column of fire is the Holy Spirit who at Pentecost appears as tongues of fire. Through this divine fire, man will never be alone in life.

**The upper part of the monument takes the form of a cross** where these elements come all together. The Mystery of the Cross – a scandal for Jews and madness for the Greeks - is the place where the Power and Glory of God come together. The Pasqual Mystery of Christ for those who believe is the Power of God (1 Cor 18-25). Therefore the3 Cross becomes the Glorious Cross, or rather the Great Book, as St George Preca calls him. It is in the Cross of Christ that we see the destiny of humanity: the call to die with him that we may live with him.

This new life has a particular aim, the destination of pilgrimage. Before us we have the new Orient who is Christ, the glorious Christ who comes to us as 'the rising Sun' (Lk 1: 78). He will take us with him. **As a symbol of this Sun we have the roundish Red marked by the *Chrismon* (the name of Christ)** that appears from between the branches of the Cross. Every pilgrimage has a singular destination: Christ. As we walk through the ways of this world, we have hope and repeat with the Psalm: 'My soul longeth, yea, even fainteth for the courts of the LORD: my heart and my flesh crieth out for the living God.' (Psalm 84: 2).

Mary has experienced this pilgrimage. She walks before us. God has freed her from inner sin and chaos. She walks already enlightened with the light of the Holy Spirit. When she was beneath the cross, she was given to John as his mother and John adopted her as his mother (Jn 19: 26-27). Mary is calling us to remains disciples of the Lord that with her we may walk the way of faith. As she called Karmni Grima from the tiny chapel of Ta' Pinu back in 1883, today she is calling us with those very same words: 'Come come!'

---

*(All biblical citations are taken from the King James Version).*

# Ix-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu f'Sutton, l-Ingilterra







Nhar Ħadd il-Għid, fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa ta' filgħaxija li tmexxiet mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar, ġiet imbierka pittura bix-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu. Din il-pittura ġiet offruta lill-*Fondazzjoni Puttinu Cares* biex titqiegħed fl-appartamenti l-ġodda li l-Fondazzjoni għandha f'Sutton, l-Ingilterra. Fil-fatt, fi tmiem din il-ġimgħa, grupp ta' voluntiera li sejrin jagħmlu xogħol volontarju f'dawn l-appartamenti, ser jieħdu magħhom din ix-xbieha. F'kull kamra wkoll ser titpoġġa xbieha ċkejkna tal-Wiċċ tal-Madonna Ta' Pinu.

Fil-kelmtejn li għamel ir-Rettur qabel it-tberik tal-kwadru, huwa qal li huma ħafna dawk il-familji li kemm qabel u kemm wara li jmorru l-Ingilterra għall-kura bil-qraba tagħhom, iżuru s-Santwarju Ta' Pinu biex jitolbu l-għajnuna tal-Madonna Ta' Pinu. Is-Santwarju qed joffri din ix-xbieha biex il-persuni li jkunu għaddejjin minn dawn il-mumenti iebsa, qatt ma jaqtgħu qalbhom u jħossu fuqhom il-ħarsa materna tal-Verġni Marija. Kien propju hawn li r-Rettur ħeġġeġ biex ilkoll kemm aħna nakkumpanjaw u ngħinu lil dawn il-persuni, anki bit-talb tagħna għalihom u għall-voluntiera kollha tal-*Fondazzjoni Puttinu Cares* li jaħdmu biex jgħinu lil dawn il-persuni. "Ħa tkun fuq fommna t-talba qasira: 'Madonna Ta' Pinu, Sultana tal-Familja, ħarstek fuqna dejjem żomm'", temm jgħid ir-Rettur.♦

# Introdott servizz ġdid fis-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu




## Servizz ta' *Audio Guide* fis-Santwarju Ta' Pinu

Dan l-aħħar il-kumpanija *Explore Malta* laħqet ftehim mal-amministrazzjoni tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu f'Għawdex biex minn April li ġej tibda toffri s-servizz ta' ***Audio Guide*** lil dawk kollha li jżuru s-Santwarju. Dan is-servizz għalissa ser jingħata f'seba' lingwi, li huma l-Malti, l-Ingliż, it-Taljan, il-Franċiż, il-Ġermaniż, l-Ispanjol u r-Russu. Il-ħsieb hu li 'l quddiem jiżdiedu lingwi oħra. B'hekk issa t-turist li jżur is-Santwarju jista' jagħmel dan fis-skiet u l-ġabra, waqt li jsir jaf aktar dwar il-ġrajja tal-Madonna Ta' Pinu. Kull min jagħmel użu minn dan is-servizz ta' *audio guide* huwa mitlub li jħallas • 4, waqt li d-dħul fis-Santwarju Ta' Pinu jibqa' dejjem bla ħlas. Il-fondi li jidħlu mis-servizz tal-*audio guide* imorru biex jitkompla x-xogħol ta' restawr li ilu għaddej fis-Santwarju għal dawn l-aħħar ħames snin u biex jinbeda l-bini tal-parkeġġ u ta'-Ċentru għall-Pellegrini.

## New Audio Guide service at Ta' Pinu Sanctuary

As from April 2013, *Explore Malta* and the Ta' Pinu National Sanctuary in Gozo will be offering a new **Audio Guide** service to pilgrims and tourists visiting the Basilica. This new service will be immediately available in seven languages: Maltese, English, Italian, French, German, Spanish and Russian; other languages will be added at a later stage. This will enable the tourist to visit the Sanctuary in silence and recollection, and at the same time to learn more about the story of the Blessed Virgin's Call at Ta' Pinu. The audio guide service costs • 4, however entrance to the Basilica remains free! Funds collected from this new service will go to sustain the Sanctuary's restoration project, which is now in its fifth year, and to help in the building of a new parking area and a Pilgrims' Centre.

**Explore Gozo Ltd** is proud to be working with Ta' Pinu National Shrine for the enhancement of the tourist and pilgrim experience. We now offer an Audio Guide tour of the Shrine in Seven different languages -Maltese, English, Italian, French, German, Spanish and Russian.

We are looking for part-time workers to help us promote this service to tourists and pilgrims. You must have good self confidence, be fluent in English (and preferably one other European Language, and have a geniune love for Ta' Pinu.

Hours would be either mornings or afternoons and will include some weekends.

Please send your CV to **info@exploregozo.com.mt** or drop it in to our Supervisor at Ta' Pinu.




# L-Għanja tal-Qaddejja
## (It-18-il Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring, maqlub għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

## Il-preżentazzjoni fit-Tempju

"Wara li għalqilhom iż-żmien għall-purifikazzjoni tagħhom skond il-Liġi ta' Mosè, ħaduh Ġerusalemm biex jippreżentawh lill-Mulej, kif hemm miktub fil-Liġi tal-Mulej, li 'kull tifel li jitwieled l-ewwel, jiġi kkonsagrat lill-Mulej', u biex joffru b'sagrifiċċju 'par gamiem jew żewġ bċieċen', kif jingħad ukoll fil-Liġi tal-Mulej" (Lq 2:22-24).

Il-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju kienet, bħaċ-ċirkonċiżjoni, għemil ta' ubbidjenza lejn il-liġi tal-Patt il-Qadim, u għalhekk fl-istess ħin ġest profetiku li jħabbar il-miġja tal-Patt il-Ġdid, dik tal-midluk, Kristu, il-qassis u l-profeta l-kbir.

Alla nnifsu, permezz ta' Mosè, tana t-tifsira profonda ta' dan l-att ta' preżentazzjoni: "U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu: 'Ikkonsagrali l-frott kollu tal-bikri, lil kull min jitwieled l-ewwel mill-ġuf minn fost ulied Israel, fin-nies u fil-bhejjem, għax tiegħi hu. U wara li l Mulej iġibek fl-art tal-Kangħanin kif ħalef lilek u lil missirijietek, u jagħtihielek, inti twarrab għall-Mulej kull ma jitwieled l-ewwel minn mara. U jekk 'il quddiem ibnek għad jistaqsik: "X'ifisser dan?", int tgħidlu: "Il-Mulej ħariġna mill-Eġittu, mill-art tal-jasar, bil-qawwa ta' driegħu"' (Eż 13: 1-14).

Meta Marija, b'ubbidjenza lejn il-liġi, twettaq dan ir-rit u tfaħħar lil Alla għall-ħelsien mill-jasar ta' l-iskjavitù, hi taf li Ġesù hu ta' Alla l-Missier b'mod uniku. Ir-ritwal hu biss manifestazzjoni tal-verità l-iktar profonda li Ġesù, sa mill-bidu, hu kkonsagrat kollu kemm hu għas-saltna tal-Missier u għall-Vanġelu. Imma kull ma jmur, bil-mod il-mod Marija tagħraf b'mod iktar ċar li t-triq li Ġesù għandu jimxi sa titlob minnha firda u sagrifiċċju kbir. Fil-waqt it-tajjeb hi tinħeba fl-umiltà, l-istess kif jagħmel Ġwanni l-Għammiedi, biex Ġesù, fl-uniċità tiegħu, jista' jidher quddiem kulħadd bħala l-profeta, il-qassis u l-vittma.

Il-preżentazzjoni ta' l-ewwel wild hi att ta' konsagrazzjoni. Waqt li Marija twettqu, meta tippreżenta lil dak li hu kkonsagrat bl-Ispirtu s-Santu, hi tikkonsagra lilha nfisha bħala s-sieħba u l-qaddejja tiegħu. Hi taf li s-sagrifiċċju ritwali ta' par gamiem ma jistax jieħu post l-offerta tagħha nfisha. Dan hu hekk speċjalment fid-dawl ta' Kristu li jiġi biex joffri lilu nnifsu.



Fil-magħmudija ta' Ġesù fil-Ġordan, il-ħamiema ssir is-simbolu ta' konsagrazzjoni permezz ta' l-Ispirtu s-Santu. Marija, bis-sempliċità ta' ħamiema, hi dejjem fidila u doċli għat-tqanqil ta' l-Ispirtu s-Santu, u hekk twettaq ir-rwol tagħha fil-ħidma tal-fidwa. Permezz tad-doni ta' l-Ispirtu s-Santu, hi tħoss, ma' kull pass, it-teħbir ta' dak li Alla qed jitlobha, hi li fit-Tempju offrietlu lill-ewwel iben tagħha.

**Aħna rroddulek ħajr,**
**Mulej, Alla ta' l-istorja,**
**irroddulek ħajr li,**
**permezz ta' Mosè,**
**il-qaddej tiegħek,**
**int urejtna t-tifsira profonda**
**tal-preżentazzjoni,**
**li waslet għall-verità sħiħa tagħha**
**f'Ġesù Kristu,**
**Dak li stennew il-profeti.**
**Meta Marija offriet lil Ġesù,**
**hi ppreżentat ukoll lilha nfisha,**
**bix-xewqa kbira waħdanija**
**li tagħti ġieħ lil ismek f'kollox.**
**Għall-interċessjoni tagħha, agħtina**
**li meta noffrulek lil Ġesù**
**fis-sagrifiċċju ta' l-Ewkaristija,**
**b'qalbna kollha noffru wkoll**
**lilna nfusna għas-servizz tiegħek**
**ma' Ġesù u ma' Marija.**

**O Marija, ippreżentana flimkien ma'**
**Ġesù lill-Missier tas-Sema,**
**itlob għalina biex nistgħu nitgħallmu**
**x'ferħ kbir hemm**
**f'li nkunu nafu li aħna ta' Alla**
**bħala propjetà tiegħu,**
**ikkonsagrati lilu**
**flimkien ma' l-ewwel wild tiegħek,**
**Ġesù Kristu.**
**Amen.** ◆

# Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...



## Ottubru - Diċembru 2012

**Informazzjoni miġbura minn Edward Depasquale**

**GĦAWDEX:** Agius Adeodato, Agius Charlie, Agius John, Attard Antoinette, Attard Chris, Attard Gannji, Attard Gorga, Attard Marilena, Attard Mary Ann, Azzopardi Karmnu, Azzopardi Williana, Bajjada Giga, Bajjada Giovanna, Bajjada Maria, Bonello Rose & Antoine, Borg Gina, Bugeja Jacquelene, Bugeja Marcelle, Buttigieg Christy, Buttigieg Grace, Buttigieg Guza, Buttigieg Violet, Camilleri Catherine, Camilleri Grace, Camilleri Koronatu, Camilleri Marianne, Camilleri Nancy, Cauchi Carmelo, Cauchi Eugenio & Susanna, Cordina Gertrude, Curmi Anna, Curmi Grace, Cutajar Mario, Debattista Josephine, Debono Guzeppi, Debono Karistu, Debono Lucas, Falzon Rita, Galea Dr.Sunny, Galea Graziella, Galea Sunta, Gatt Joseph, Gauci Amity, Gauci Anthony, Gauci Sam, Grech Alana, Grech Joseph, Grima Maria, Grima Pauline, Grima Virginia, Mercieca Jane, Mercieca Jessie, Mercieca Michael, Mifsud Pauline, Mintoff Maria, Mintoff Rozina, Muscat Carmen, Muscat George, Muscat James & Francine, Pace Graziella, Portelli Melissa, Refalo Claudia, Refalo Karistu, Refalo Paul, Sacco Conrad, Said Mary, Saliba Angie, Saliba Marianne, Saliba Marleme, Saliba Maya, Sammut Joseph, Schembri Coleiro, Spiteri Christian, Spiteri Daniel, Spiteri Franklin, Spiteri Tessie, Sultana Cynthia, Sultana Wigi, Tabone Anabel, Tabone Joseph, Tabone Laura, Tabone Mary, Tabone Rita, Vella Carmen, Vella Charles, Vella Gorga, Vella Maria, Vella Mary, Vella Rita, Xerri Anthony, Xuereb Charlie, Xuereb Kevin, Xuereb Maria Stella, Xuereb Mariano, Zammit Damiano, Zammit Fredu, Zammit Ricarda.

**MALTA:** Abela Pawlu, Attard (Fr.) Mario, Axisa Nenu, Barbara Dorianne, Bonett John, Bonett Joseph, Bonnici Pawlu, Borg Catherine,, Borg Mary Grace, Bugeja Victor, BUHAGIAR Marthese, Cachia Carmelo, Cachia Rocco, Calleja Bernardette, Calleja Carmen & Ivan, Calleja Felice, Camilleri Julian, Camilleri Kathy, Camilleri Mikelangelo, Carter Mary, Cassar Carmen, Cassar Louis, Catania Joseph, Cauchi Carmelo, Coleiro Massimo, Comstock Grace, Cutajar Agnes, Cutajar Dominic, Enriquez Graziella, Eyre Joe, Falzon Carmen, Falzon Sam, Fava Josianne, Francalanza Familja, Francalanza Joseph, Gafa Roman, GaleA Angela, Gatt Mary, Gatt Rajmonda, Gauci Doris, Gauci Marija, Gauci William, Grech Mary, Grima B., Grixti Emanuel, Inguanez Johnny, Magro Austin, Mallia Miriam, Mallia Vincent, Micallef Doris, Micallef Grace, Mifsud Fidele,



(ikompli f'paġna 39)




**Ottubru - Diċembru 2012**

**MALTA:** Agius Miguel, Attard Chanelle, Attard Kai, Azzoopardi Leilani, Baldacchino Eliza Marie, Bonnici Amy, Borg Kurt, Briffa Zak, Brincat Juan, Caruana Domenique, Davis Megan, Farrugia Luca, Farrugia Solange, Fiorentino Jan, Fiorini Lowell Luke, Galea Janvier, Galea Kaylon, Gasan Faith, Gauci Craig, Gauci Jadyn. Gauci Mark, Grixti Kayden, Magri Abigail, Magri Daniel John, Mckay Matthias, Mckay Miguel, Micallef Jake, Micallef Moreno Beppe, Saliba Jeremy, Scerri Miraya Siegle Christine, Sparling Luke Paul, tonna Fioren, Vassallo Kristyl, Vella Jaiden, Xuereb Larissa, Xuereb Luke, Zammit Esther Rose, Zammit Kayden, Zarb Jake, Zerafa Julie, Zerafa Luka.

**GHAWDEX:** Debono Lucas.

**EWROPA:** Milian Micallef Pol.

---

(ikompli minn paġna 38)

## Grazzi Omm Tiegħi tas-Sema

Mifsud Pauline, Muscat Frances, Pace Mikelina, Psaila Victoria, Scerri Grace, Schembri Charles & Lorna, Smith Gerry, Sultana Maryanne, Tabone Emma, Valletta Margaret, Vassallo Doris, Vella Familja, Vella Joe, Vella Inez, Vella Rosianne, Vella Wistin, Xuereb Francis, Zammit Manwel, Zammit Nina, Zammit Shaun.

**KEMMUNA:** Said Maria, Vella Angelo.

**AMERIKA:** Cassar John & Family, Portelli Sam, Zerafa Margaret.

**AWSTRALJA:** Attard Mario & Adni, Attard Rita, Camilleri Salvina, Galea Victor, Grech Frank, Grech Klementa, Serrqo Jeanette, Theuma Monica, Theuma Tony & Natalina, Vassallo Kathy, Vella Raymond.

**EWROPA:** Hutson Fortunata.



# Marko Ivan Rupnik, sj

## *Teologu u artist li jikkomunika l-fidi bil-możajċi*

Twieled fit-28 ta' Novembru 1954 f'Zadlog, is-Slovenja. Fl-1973 hu daal fil-Kumpanija ta' Ġesù. Studja l-Filosofija f'Ljubljana u mbagħad, fl-1977, issieħeb fl-Akkademja tal-Arti f'Ruma fejn temm l-istudji tiegħu fl-1981. Wara, issokta bl-istudji tat-Teoloġija fl-Università Pontifiċja Gregorjana ta' Ruma. Ġie ordnat saċerdot fl-1985. Wara l-ordinazzjoni, speċjalizza fil-Missjoloġija, dejjem fil-Gregorjana. Fl-1991 kiseb dottorat mill-Fakultà tal-Missjoloġija ta' din l-Università, b'teżi fuq It-Tifsira Teoloġika Missjunarja tal-Arti fil-Kitbiet ta' Vjaceslav Ivanovic Ivanov.

Sa minn Settembru 1991 hu jgħix u jaħdem fiċ-Centro Aletti f'Ruma, li tiegħu hu d-direttur. Jgħallem fl-Istitut Pontifiċju Orjentali, fl-Università Pontifiċja Gregorjana, fl-Istitut Pontifiċju Liturġiku ta' Sant'Anselmu, u jagħti seminars u taħdidiet f'għadd ta' istituzzjonijiet akkademiċi Ewropej. Sa mill-1999 hu konsulent tal-Kunsill Pontifiċju għall-Kultura. Xogħlu bħala artist u teologu dejjem hu kkumplimentat minn ħidma li hi speċifikament pastorali, fuq kollox billi jmexxi għadd ta' korsijiet u rtiri. Huwa għandu diversi kitbiet dwar l-arti reliġjuża.

Ix-xogħolijiet tal-mużajċi tiegħu huma mxerrda mad-dinja kollha fosthom il-Kappella Redemptoris Mater (Vatikan), il-faċċata tal-Knisja tar-Rużarju (Lourdes), Il-kripta ta' Patri Piju (San Giovanni Rotondo), il-knisja l-ġdida (Fatima) u diversi knejjes oħra ġewwa l-Amerika, l-Italja, Spanja, Repubblika Ċeka, Slovenja, Serbja, Sirja, Rumanija, Damasku u l-Libanu.◆



# La Fede Professata dalla Pietra

## Simposju Marjan

### minn P. Marko I. Rupnik SJ

*Teologu u artist li jikkomunika l-fidi bil-mużajċi*

# 3 u 4 ta' Mejju 2013

**Sala tas-Santwarju Nazzjonali Madonna Ta' Pinu**



# Programm

**Il-Ġimgħa, 3 ta' Mejju 2013**

**6.00pm:** *Il mistero dell'incarnazione principio dell'arte cristiana*

**Is-Sibt, 4 ta' Mejju 2013**

**8.15am:** *La fede professata dalla pietra* (1)

*Break*

**9.45am:** *La fede professata dalla pietra* (2)

Diskussjoni qasira

- L-interventi ta' P. Rupnik isiru bit-Taljan. Noffru servizz ta' traduzzjoni għall-Malti b'mod dirett.
- Importanti li kulħadd ikun f'postu fil-ħin biex it-taħditiet jibdew fil-ħin peress li P. Rupnik irid jirritorna Ruma kmieni wara nofsinhar.
- Min ser jattendi huwa mitlub li jimla l-Formola tal-Applikazzjoni.

***Għal aktar informazzjoni u dettalji ara www.tapinu.org***

**Għamel kopja ta' din il-formola ta' applikazzjoni, imla' b'ittri kbar u ibgħata flimkien mal-ħlas sat-30 ta' April 2013 lis-Segreterija Simposju Marjan, Santwarju Ta' Pinu, Għarb, Għawdex GRB 1704**

Isem u Kunjom: ____________________

Indirizz: ____________________

Tel / Mob: ____________________ Email: ____________________

Noffri donazzjoni ta' €5.00 għall-ispejjeż tas-Simposju.

❑ Nixtieq li kolli apparat tat-traduzzjoni għall-Malti. ❑ M'għandiex bżonn apparat tat-traduzzjoni.


La Fede Professata dalla Pietra
Simposju Marjan
minn P. Marko I. Rupnik SJ
Teologu u artist li jikkomunika l-fidi bil-możajċi
Santwarju Nazzjonali Madonna Ta' Pinu
Għawdex, Malta
3 - 4 ta' Mejju 2013
SENA TAL-FIDI 2012 2013